Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,232, 16 ta' Lulju, 2019
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXIII tal-2019

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jissostitwixxi l-Att dwar il-Protezzjoni tat-Tfal (Ħarsien Alternattiv), Kap. 569, biex jipprovdi għal ordnijiet għall-protezzjoni tal-minuri, biex jistabbilixxi ħarsien alternattiv u protezzjoni xierqa għall-minuri mċaħħda mill-ħarsien tal-ġenituri jew li huma f'riskju li hekk jiġu mċaħħda, u l-ħwejjeġ l-oħra kollha li huma anċillari jew inċidentali għal dan jew konnessi miegħu.

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati

ACT No. XXIII of 2019

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to substitute the Child Protection (Alternative Care) Act, Cap. 569, to provide for protection orders for minors, for alternative care and for suitable protection for those minors deprived of parental care or in the risk of being so deprived, and for matters that are ancillary or incidental thereto or connected therewith.

RAYMOND SCICLUNA
Clerk of the House of Representatives

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

16 ta' Lulju, 2019

ATT Nru XXIII tal-2019

ATT sabiex jissostitwixxi l-Att dwar il-Protezzjoni tat-Tfal (*Ħarsien Alternattiv), Kap. 569, biex jipprovdi għal ordnijiet għall-protezzjoni tal-minuri, biex jistabbilixxi ħarsien alternattiv u protezzjoni xierqa għall-minuri mċaħħda mill-ħarsien tal-ġenituri jew li huma f'riskju li hekk jiġu mċaħħda, u l-ħwejjeġ l-oħra kollha li huma anċillari jew inċidentali għal dan jew konnessi miegħu.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

TAQSIM TAL-ATT

		Artikoli
	Dispożizzjonijiet Preliminari	1 - 3
TAQSIMA I	Fuq il-Protezzjoni tal-Minuri	4 - 35
TAQSIMA II	Fuq il-Ħasien Alternattiv	36 - 63
TAQSIMA III	Fuq l-Appelli	64 - 66
TAQSIMA IV	Fuq ix-Xogħol Soċjali mal-Minuri	67 - 68
TAQSIMA V	Mixxellanji	69 - 73
TAQSIMA VI	Fuq ir-Reati	74 - 82
TAQSIMA VII	Fuq ir-Regolamenti	83
TAQSIMA VIII	Dispożizzjonijiet Transitorji	84 - 88

A 1108

DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI

Titolu fil-qosor, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2019 dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv).

(2) L-għan ta' dan l-Att huwa li f'kull mument għandu jkun imħares, protett u mogħti prijorità l-aqwa interess tal-minuri u li tkun żgurata l-permanenza tal-kura mogħtija lill-minuri fl-iqsar żmien possibbli.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u s-Solidarjetà Soċjali jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Aġenzija" tfisser dik l-aġenzija nazzjonali responsabbli sabiex fost l-oħrajn tħares il-benesseri tal-minuri, magħrufa wkoll bħala Aġenzija Appoġġ;

"aġenzija akkreditata" tfisser kull aġenzija li tkun akkreditata mill-Awtorità Ċentrali skont dan l-Att biex torganizza taħriġ u tiċċertifika persuni bħala adatti biex jaġixxu ta' *foster carers*;

"Avukat tat-Tfal" tfisser avukat maħtur skont ir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja), li għandu jaqdi l-funzjonijiet mogħtija lilu skont l-artikolu 25;

L.S. 12.20.

"Awtorità Ċentrali" tfisser dik l-entità li fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att tkun responsabbli biex twettaq il-funzjonijiet msemmija fl-artikolu 41;

"Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali" tfisser l-awtorità stabbilita permezz tal-Att dwar l-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali;

Kap. 582

"Bord tal-Appell" tfisser il-Bord tal-Appell imwaqqaf skont l-artikolu 64;

"Bord għall-*Fostering*" tfisser il-bord imwaqqaf bis-saħħa tal-artikolu 38;

"Bord ta' Reviżjoni" tfisser il-Bord ta' Reviżjoni għall-

Ħarsien tal-Minuri, stabbilit skont l-artikolu 31;

"Ċentru Terapewtiku u Sikur" ifisser iċ-ċentru mwaqqaf skont l-artikolu 26;

"*foster care*" tfisser it-tqegħid ta' minuri taħt il-ħarsien ta' persuna, li ma tkunx ġenitur tal-minuri, li tkun magħżula, kwalifikata, approvata u sorveljata biex tipprovdi ħarsien għal perjodu ta' żmien u skont il-pjan ta' ħarsien;

"*foster care* transkonfini" tfisser:

(a) il-kura mogħtija minn *foster carer* li hu ċittadin Malti, lil minuri li mhux ċittadin Malti u li hu residenti f'Malta; jew

(b) il-kura mogħtija minn *foster carer* li mhux ċittadin Malti u li l-approvazzjoni tiegħu minn awtorità barranija hija rikonoxxuta mill-Awtorità Ċentrali, permezz tal-Aġenzija, għall-minuri li hu residenti f'Malta;

"*foster carer*" tfisser persuna waħda jew aktar approvata mill-Bord għall-*Fostering* biex minuri jitqiegħed taħt *foster care* magħha;

"ftehim ta' *foster care*" tfisser ftehim magħmul skont l-artikolu 51;

"ġenitur" tfisser l-omm jew il-missier bijoloġiku tal-minuri jew xi persuna oħra li, b'dispożizzjoni espressa tal-liġi, ikollha r-responsabbiltà ta' ġenitur għal dak il-minuri;

"ħaddiem soċjali ewlieni" tfisser il-ħaddiem soċjali maħtur mill-Aġenzija biex isegwi l-iżvilupp u l-benesseri tal-minuri taħt ħarsien alternattiv u biex jikkordina u jsegwi l-progress ta' pjan ta' ħarsien dwar dak il-minuri;

"ħaddiem soċjali reġistrat" jew "ħaddiem soċjali" għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali; Kap. 468.

"ħarsien alternattiv" tfisser it-tqegħid ta' minuri taħt il-ħarsien ta' persuna jew entità, li ma tkunx il-ġenitur tal-minuri, liema tqegħid ikun ġie ordnat mill-Qorti jew li huwa riżultat ta' deċiżjoni amministrattiva, u t-terminu ta' "*carer* alternattiv" għandu jinftiehem f'dan is-sens;

"ħarsien u protezzjoni" tfisser dak il-ħarsien u protezzjoni

li huwa raġonevolment mistenni mingħand ġenitur lejn il-minuri tiegħu bil-għan li jippromwovi l-potenzjal sħiħ tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet, ix-xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-minuri;

"kuntratt soċjali" ifisser ftehim bil-miktub milħuq skont l-artikolu 12, bejn id-Direttur jew kull entità li l-Ministru jista' jordna b'avviż fil-Gazzetta, flimkien mal-ġenituri tal-minuri jew kwalunkwe persuna oħra interessata fil-benesseri tal-minuri;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għad-drittijiet tal-minuri;

"minuri" tfisser tifel jew tifla li tkun taħt l-età ta' tmintax-il sena;

"minuri mhux akkumpanjat" tfisser minuri li jasal f'Malta mhux akkumpanjat minn adult li jkun responsabbli għalih sew taħt il-liġi sew b'konswetudni, għal dak iż-żmien kollu li matulu dak il-minuri ma jkunx effettivament taħt il-kura ta' dak l-adult u tinkludi kull minuri li jitħalla mhux akkumpanjat wara li jkun daħal f'Malta;

"ordni ta' emerġenza" tfisser ordni maħruġa skont l-artikolu 20;

"ordni ta' ħarsien" tfisser ordni maħruġa skont l-artikolu 19(1)(a);

"ordni għall-protezzjoni" tfisser ordni waħda jew iżjed maħruġa skont l-artikolu 19;

"ordni ta' superviżjoni" tfisser ordni maħruġa skont l-artikolu 19(1)(b);

"ordni ta' tneħħija" tfisser ordni maħruġa skont l-artikolu 19(1)(d);

"ordni ta' trattament" tfisser ordni maħruġa skont l-artikolu 19(1)(ċ);

"permanenza li tkun relazzjonali, fiżika u legali" tinkludi li l-minuri jħossu maħbub, protett, sikur u sostnut mal-persuni li jgħix magħhom, li jkun hemm stabbiltà fl-ambjent fiżiku fejn jgħix il-minuri u fil-konnessjonijiet tiegħu mal-komunità, kif ukoll arranġamenti legali assoċjati mal-permanenza, speċjalment għal dak li jirrigwarda kura u kustodja;

"pjan ta' ħarsien" tfisser pjan imfassal skont l-artikolu 13

biex jippromwovi l-iżvilupp u l-benesseri tal-minuri;

"pjan konkorrenti" jfisser pjan ta' ħarsien alternattiv li jinkludi fih il-pjan ta' ħarsien imfassal skont l-artikolu 13 kif ukoll il-pjan ta' permanenza alternattiv imfassal skont l-artikolu 23, u li għandu jkollu l-iskop li jippromwovi l-iżvilupp u l-benesseri tal-minuri u li jiddetermina l-parametri tal-pjan ta' ħarsien u ż-żmien meta jiġi mibdul fi pjan ta' permanenza alternattiv;

"pjan ta' permanenza alternattiv" ifisser pjan sistematiku, konkret u f'waqtu għal kull minuri li jgħix f'ħarsien alternattiv u, jew li huwa protett b'ordni ta' ħarsien, bil-għan li jippromwovi stabilità u kontinwità fil-kura u ħarsien alternattiv tal-minuri; u

"Qorti" tfisser il-Qorti tal-Minorenni mwaqqfa skont l-Att dwar il-Qorti tal-Minorenni. Kap. 287.

Il-minuri għandu jitqies li għandu fehim biżżejjed, sakemm ma jidhirx xort'oħra.

3. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, kull meta skont dan l-Att għandu jitqies jekk minuri jkollux jew le fehim biżżejjed, jew kull meta fi proċedura skont dan l-Att xi ħadd jiġi biex jikkunsidra u jiddetermina hemmx jew le dak il-fehim biżżejjed, u jkun xi jkun il-kliem użat għal dak l-eżerċizzju diskrezzjonarju, min ikun qiegħed jiddetermina hemmx jew le dak il-fehim biżżejjed għandu jippreżumi li l-minuri jkollu dak il-fehim biżżejjed sakemm ma jidhirx xort'oħra.

TAQSIMA I

FUQ IL-PROTEZZJONI TAL-MINURI

TITOLU I

Sub-titolu I

FUQ ID-DIRETTUR RESPONSABBLI GĦALL-PROTEZZJONI TAL-MINURI

Direttur responsabbli għall-protezzjoni tal-minuri.

4. (1) Għandu jkun hemm Direttur li jkollu responsabbiltà li jipproteġi minuri f'riskju, magħruf bħala Direttur (Protezzjoni Minuri), liema Direttur għandu jinħatar wara sejħa pubblika u minn fost persuni li għandhom minimu ta' ħames snin esperjenza relatati ma' servizzi lill-minuri u li jkollhom ukoll kompetenzi maniġerjali.

(2) Id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jkun uffiċjal tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali u jaqdi l-funzjonijiet tiegħu minn ħdanha:

Iżda d-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu dejjem jaġixxi b'mod imparzjali fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu.

(3) Għandu jkun hemm ukoll uffiċjali oħra tal-Uffiċċju tad-Direttur (Protezzjoni Minuri) li jeżerċitaw u jesegwixxu dawk is-setgħat, funzjonijiet u responsabbilitajiet kollha delegati jew mogħtija lilhom mid-Direttur (Protezzjoni Minuri).

(4) Fl-eżerċizzju u fl-eżekuzzjoni tas-setgħat, funzjonijiet u responsabbilitajiet kollha delegati jew mogħtija lilhom kif intqal qabel, l-uffiċjali tad-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandhom, sakemm ma jkunx jidher xort'oħra, ikollhom dawk l-istess setgħat, funzjonijiet u responsabbiltajiet li l-liġi timponi fuq jew tagħti lid-Direttur (Protezzjoni Minuri).

(5) Fl-eżerċizzju u fl-eżekuzzjoni tas-setgħat, funzjonijiet u responsabbiltajiet tagħhom, id-Direttur u l-uffiċjali msemmija fis-subartikolu (3) jistgħu jitolbu l-assistenza tal-Pulizija Eżekuttiva skont l-Att dwar il-Pulizija, kull meta jqisu li jkun hekk meħtieġ.

Kap.164.

(6) Meta ċ-ċirkostanzi ta' każ speċifiku jeħtieġu dan, is-setgħat kollha mogħtija lid-Direttur (Protezzjoni Minuri) taħt dan l-Att ikunu jistgħu jiġu eżerċitati mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali u l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jkun jista' wkoll jillimita l-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat mid-Direttur (Protezzjoni Minuri) u mill-uffiċjali delegati skont is-subartikolu (3).

Funzjonijiet tad-Direttur (Protezzjoni Minuri).

5. (1) Bla ħsara għall-funzjonijiet li jistgħu jkunu mogħtija lilu b'dan l-Att, jew b'xi liġi oħra, il-funzjoni tad-Direttur (Protezzjoni Minuri) tkun li *ex officio* jinvestiga kull ħsara jew riskju ta' ħsara fuq minuri, li dwarha jkollu suspett raġonevoli jew li dwarha ġie informat, u li jieħu dik l-azzjoni li tista' tidher xierqa għall-protezzjoni ta' dak il-minuri:

Iżda wara li jirċievi rapport mingħand professjonist mediku li mara tqila jkollha dipendenza fuq sustanzi illeċiti jew dipendenzi oħra u fl-opinjoni ta' dak il-professjonist mediku dan joħloq preġudizzju kbir għal saħħet dik il-mara, id-Direttur (Protezzjoni Minuri) ikun jista' jintervjeni skont dan l-artikolu u dan l-Att.

(2) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu:

(a) jaġixxi fl-aħjar interessi tal-minuri f'riskju, anke jekk dak il-minuri mhux ċittadin ta' Malta;

(b) jaċċerta ruħu dwar il-fehmiet u x-xewqat tal-minuri f'riskju;

(ċ) jikkollabora ma' dawk kollha involuti fil-protezzjoni tal-minuri f'riskju;

(d) jinvestiga dwar jekk xi azzjoni meħuda dwar il-minuri f'riskju kinitx xierqa;

(e) jipprovdi gwida lill-ġenituri u lill-familja tal-minuri f'riskju; u

(f) minn żmien għal żmien joħroġ linji gwida dwar dak li jista' jitqies bħala ħsara sinifikanti jew riskju ta' ħsara sinifikanti.

Kordinazzjoni mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u entitajiet oħra.

6. (1) Id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jagħmel laqgħat regolari b'intervalli xierqa ma' rappreżentanti tad-Dipartimenti tal-Edukazzjoni u tas-Saħħa, tal-Pulizija u ma' kull persuna jew entità oħra li d-Direttur (Protezzjoni Minuri) iħoss li għandhom responsabbiltà għall-protezzjoni tal-minuri jew ta' xi minuri partikolari, bil-għan li jiddiskutu kwalunkwe materja li taqa' taħt dik ir-responsabbiltà u biex jistabbilixxu prattiċi u protokolli li għandhom jiġu adottati, kif ukoll biex dawn il-laqgħat regolari jservu bħala kumitat ta' investigazzjoni konġunta bejn kull entità li għandha responsabbiltà għall-protezzjoni tal-minuri jew ta' xi minuri partikolari.

(2) Għandhom jinżammu minuti tal-laqgħat imsemmija fis-subartikolu (1) u l-progress li jsir minn laqgħa għal oħra għandu jkun ikkontrollat mid-Direttur (Protezzjoni Minuri).

(3) Meta laqgħa tinżamm sabiex ikun diskuss il-każ ta' xi minuri partikolari d-Direttur (Protezzjoni Minuri) jista' jeħtieġ kull persuna jew entità li tattendi għal-laqgħa biex tirrapporta dwar il-progress tal-minuri u kopja ta' dak ir-rapport għandha tiġi inkluża fir-reġistru miżmum mid-Direttur (Protezzjoni Minuri) dwar il-minuri.

(4) Kull persuna jew entità li tattendi għal-laqgħa tkun marbuta bil-kunfidenzjalità u m'għandhiex tiżvela lil terzi ebda informazzjoni jew tgħaddi ebda dokument jew estratti minnu li jistgħu jkunu ġew fl-għarfien jew fil-pussess tagħha matul dik il-laqgħa jew b'riżultat tagħha:

Iżda l-iżvelar jew l-għotja msemmija jistgħu jsiru skont awtorizzazzjoni, rikjesta jew ordni ta' xi qorti.

(5) Il-kapijiet tad-dipartimenti jew entitajiet oħra msemmija jew magħżula mid-Direttur (Protezzjoni Minuri) skont is-subartikolu (1) għandhom jiżguraw li jaħtru rappreżentant sabiex jattendi kull waħda mil-laqgħat tal-kumitat ta' investigazzjoni konġunta.

(6) Il-kumitat ta' investigazzjoni konġunta għandu jirregola l-proċeduri tiegħu nnifsu.

(7) Minn żmien għal żmien il-Ministru responsabbli għall-benesseri tal-minuri għandu jniedi strateġija nazzjonali dwar il-protezzjoni u d-drittijiet tat-tfal flimkien mad-Direttur (Protezzjoni Minuri) u l-entitajiet jew dipartimenti li għandhom responsabbiltà għall-protezzjoni, ħarsien jew kura tal-minuri.

Tmexxija tax-xogħol tal-kariga.

7. It-twettiq tal-funzjonijiet tad-Direttur (Protezzjoni Minuri), inkluż dak kollu meħtieġ għat-twettiq tagħhom u l-kontroll amministrattiv, għandhom ikunu r-responsabbiltà tad-Direttur (Protezzjoni Minuri).

Rappreżentanza legali u ġuridika.

8. Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tad-Direttur (Protezzjoni Minuri) tkun vestita fid-Direttur (Protezzjoni Minuri):

Iżda d-Direttur (Protezzjoni Minuri) jista' jiddelega uffiċjali oħra sabiex jeżerċitaw dik ir-rappreżentanza.

Sub-Titolu II

FUQ IL-PROTEZZJONI TAL-MINURI

Rapporti.

9. (1) Kull persuna li għandha raġuni taħseb li minuri qiegħed isofri, jew qiegħed f'periklu li jsofri, ħsara sinifikanti, tista' tirrapporta dawk iċ-ċirkostanzi li minħabba fihom tqis li għandha dik ir-raġuni lid-Direttur (Protezzjoni Minuri) jew lill-Pulizija Eżekuttiva:

Iżda kull rapport magħmul lill-Pulizija Eżekuttiva għandu jiġi mgħoddi lid-Direttur (Protezzjoni Minuri) bla dewmien.

(2) Bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra ta' xi liġi u għall-obbligi professjonali tiegħu li jibqgħu sħaħ minkejja dan l-artikolu, kull professjonist li matul ix-xogħol tiegħu jkollu għarfien ta' att li jikkostitwixxi reat kriminali li jikkaġuna ħsara sinifikanti hekk kif imfissra fis-subartikolu (4) fuq minuri għandu jirrapporta minnufih lid-Direttur (Protezzjoni Minuri) jew lill-Pulizija Eżekuttiva u, mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (4), ebda rappurtaġġ bħal dak meta magħmul *in bona fide* ma jista' jikkostitwixxi reat jew jagħti lok għal xi azzjoni taħt kull liġi li tkun:

Iżda meta rapport isir lil entità jew istituzzjoni, minbarra d-Direttur (Protezzjoni Minuri) jew il-Pulizija Eżekuttiva, dik l-entità jew istituzzjoni għandha tirreġistra bil-miktub ir-rapport u għandha, mingħajr dewmien, u f'kull każ mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa minn meta jkun riċevut ir-rapport, tirreferi r-rapport lid-Direttur (Protezzjoni Minuri) jew lill-Pulizija Eżekuttiva.

(3) Kull professjonist li jonqos milli jagħmel rapport imsemmi fis-subartikolu (2) ikun ħati ta' reat u jeħel meta jinstab ħati l-piena ta'

priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur u mhux aktar minn disa' xhur, jew multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u ta' dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Att, "ħsara sinifikanti" tinkludi abbuż, negliġenza, fastidju, trattament ħażin, sfruttament, abbandun, espożizzjoni, u t-traffikar ta' xi persuni kif imsemmi fis-Sub-titolu VIII Bis tat-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

(5) Ir-rapporti kollha magħmula skont dan l-artikolu, magħmula lil min magħmula, għandhom jitqiesu daqslikieku protetti bis-segretezza professjonali, sakemm mhumiex hekk protetti skont xi liġi, u minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' xi liġi ma jistgħux jiġu magħmula aċċessibbli għall-pubbliku kemm sħaħ u kemm parzjalment.

Reġistru tar-rapporti.

10. (1) Id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jżomm reġistru li fih jirreġistra r-rapporti kollha li huwa jirċievi skont l-artikolu 9.

Tmexxija fuq ir-rapporti.

(2) Id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem minn meta jirċievi rapport, jiddeċiedi, skont l-informazzjoni mogħtija, jekk hemmx raġunijiet biżżejjed jew xort'oħra biex jemmen li l-minuri qiegħed isofri jew qiegħed f'periklu li jsofri ħsara sinifikanti.

(3) F'każ li d-Direttur (Protezzjoni Minuri) iqis li hemm raġunijiet biżżejjed kif imsemmi fis-subartikolu (2), huwa għandu jagħmel dawk l-investigazzjonijiet u evalwazzjonijiet li huwa jqis meħtieġa sabiex jiddeċiedi jekk il-minuri jkunx fil-bżonn ta' ħarsien u protezzjoni u, jekk huwa jqis li m'hemmx dawk ir-raġunijiet, hu għandu jagħlaq ir-rapport u jesponi fid-dettall ir-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

(4) Id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jagħmel l-investigazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (3) fi żmien sittin jum utili, liema żmien jibda għaddej mid-data tad-deċiżjoni tad-Direttur (Protezzjoni Minuri) li l-minuri qed isofri, jew qiegħed f'periklu li jsofri, ħsara sinifikanti:

Iżda l-imsemmi żmien jista', għal raġuni tajba, jiġi estiż mid-Direttur (Protezzjoni Minuri) għal tletin jum utili ieħor.

(5) Meta d-Direttur (Protezzjoni Minuri) jiddeċiedi li l-minuri hu fil-bżonn ta' ħarsien u protezzjoni, id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jieħu kull miżura meħtieġa sabiex jipproteġi lil dak il-minuri, li, mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li d-Direttur (Protezzjoni Minuri) jidhirlu hija xierqa li jieħu, tista' tinkludi waħda jew iktar minn dawn li ġejjin:

(a) jirrakkomanda l-għotja ta' servizzi ta' appoġġ għall-minuri, waqt li jikkunsidra l-bżonnijiet partikolari tal-minuri u jara li dawk ir-rakkomandazzjonijiet jitwettqu;

(b) jirrakkomanda l-għotja ta' servizzi ta' appoġġ għall-ġenituri tal-minuri jew għal kull persuna oħra li tidher li jkollha responsabbiltà għal dak il-minuri u jara li dawk ir-rakkomandazzjonijiet jitwettqu;

(ċ) joħroġ linji gwida dwar ir-responsabbiltajiet ta' ġenitur;

(d) jitlob lill-Qorti tagħmel ordni ta' emerġenza;

(e) jitlob lill-Qorti tagħmel ordni xierqa għall-protezzjoni tal-minuri;

(f) iġib rapport għall-għarfien tal-Pulizija Eżekuttiva sabiex isiru aktar investigazzjonijiet f'kull każ li jinvolvi abbuż jew abbandun ta' minuri; jew

(g) jagħmel denunzja lill-Pulizija Eżekuttiva dwar reat li proċedimenti dwaru jistgħu jittieħdu *ex officio* mill-Pulizija Eżekuttiva skont il-liġi.

Setgħat investigattivi tad-Direttur (Protezzjoni Minuri).

11. Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu skont l-artikolu 10, id-Direttur (Protezzjoni Minuri) jista':

(a) jidħol u jispezzjona l-lok fejn ikun qiegħed jinżamm il-minuri;

(b) ikellem lill-minuri;

(ċ) jitlob li tingħatalu kull informazzjoni li tista' tkun raġonevolment meħtieġa għall-investigazzjoni;

(d) jistaqsi lil kull persuna li jidhirlu li hija involuta fil-ħarsien tal-minuri fuq kull materja relatata mal-investigazzjoni;

(e) jikseb ritratti, filmati u kull xorta oħra ta' reġistrazzjoni bħala evidenza; u

Kap. 249.

(f) jikseb kull xorta ta' dokument, kif imfisser fl-Att dwar l-Interpretazzjoni, bħala evidenza.

Kuntratt soċjali dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri.

12. (1) Meta jiġi biex iqis liema azzjoni jieħu d-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jara jekk ikunx possibbli li jintlaħaq ftehim permezz ta' kuntratt soċjali sabiex tiġi riżolta kwistjoni li tikkonċerna l-bżonn tal-minuri għall-ħarsien u protezzjoni mingħajr ma jsir rikors lill-

Qorti biex tinħareġ xi ordni għall-protezzjoni.

(2) Il-kuntratt soċjali msemmi fis-subartikolu ta' qabel dan għandu jkun iffirmat mill-partijiet għalih u għandu jibda jseħħ mid-data tal-firem tagħhom.

(3) Id-Direttur (Protezzjoni Minuri) jista' jiftiehem dwar dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li jidhirlu li huma xierqa u, b'mod partikolari, id-Direttur (Protezzjoni Minuri) jista' jiftiehem fuq pattijiet u kundizzjonijiet dwar:

(a) it-trattament ta' abbuż minn sustanzi jew vizzji oħra matul il-perjodu operattiv tal-kuntratt soċjali;

(b) it-trattament għall-persuna bi problemi ta' aġir abbużiv;

(ċ) interventi terapewtiċi jew trattament ieħor psikoloġiku jew xi forma oħra ta' trattament mediku;

(d) eżamijiet għal abbuż minn sustanzi;

(e) korsijiet bil-għan li jtejbu l-ħiliet ġenitorjali tal-ġenituri tal-minuri;

(f) l-għoti ta' appoġġ u interventi terapewtiċi lill-minuri;

(g) l-għoti ta' assistenza medika u edukattiva lill-minuri;

(h) il-metodu tal-monitoraġġ għall-konformità mal-kuntratt soċjali;

(i) l-involviment u l-obbligu ta' professjonisti fil-preparazzjoni ta' pjan ta' ħarsien, kif ikun fl-aħjar interess tal-minuri; u

(j) l-involviment tal-familja estiża u ta' persuni oħra importanti fil-ħajja tal-familja fl-ippjanar u t-twettiq ta' pjan ta' ħarsien, kif ikun fl-aħjar interess tal-minuri:

Iżda l-kuntratt soċjali għandu jispeċifika l-perijodu li jkun operattiv, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom id-Direttur (Protezzjoni Minuri) jista' jippreżenta rikors għal wieħed jew iktar mill-ordnijiet imsemmija fl-artikolu 19:

Iżda wkoll, il-kuntratt soċjali ma għandux jipprovdi dwar l-għoti ta' responsabbiltajiet ta' ġenitur għall-minuri.

(4) Mal-firem, id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jinnotifika lid-Direttur (Ħarsien Alternattiv) sabiex dan tal-aħħar jaħtar ħaddiem soċjali ewlieni sabiex isegwi l-iżvilupp u l-interessi tal-minuri skont il-kuntratt soċjali u għal dan il-għan il-ħaddiem soċjali ewlieni għandu wkoll jissorvelja l-konformità tal-partijiet kollha mal-kuntratt soċjali.

(5) Id-Direttur (Protezzjoni Minuri) jista' wkoll jinnotifika entitajiet oħra biex huma jipprovdu appoġġ lill-ġenituri skont il-kuntratt soċjali.

(6) Il-kuntratt soċjali għandu jibqa' fis-seħħ għall-perjodu fih speċifikat sakemm ma jkunx terminat qabel jgħaddi dak il-perjodu mid-Direttur (Protezzjoni Minuri) billi jinnotifika b'dan lill-partijiet l-oħra.

(7) Meta d-Direttur (Protezzjoni Minuri) ikun jixtieq jemenda l-kuntratt soċjali, id-Direttur (Protezzjoni Minuri) jista' jbiddel xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt soċjali bi qbil bil-miktub mal-partijiet kollha.

(8) Id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu, f'kull ħin, jikkunsidra l-fehmiet tal-minuri jekk meqjus li jkollu fehim biżżejjed.

(9) Id-Direttur (Protezzjoni Minuri) jista' jawtorizza bil-miktub lil kull entità li l-Ministru jkun indika b'avviż fil-Gazzetta biex tvarja l-kuntratt soċjali skont l-aħjar interessi tal-minuri u liema tibdiliet għandhom jiġu approvati bil-miktub mill-partijiet kollha biex ikollhom effett:

Iżda għall-għanijiet ta' dan l-artikolu d-Direttur (Protezzjoni Minuri) jista' jagħżel li jibqa' parti minn dak il-kuntratt soċjali meta jqis li dak ikun fl-aħjar interessi tal-minuri.

Pjan ta' ħarsien.

13. (1) Sabiex jiġi mfassal pjan ta' ħarsien skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jlaqqa' dawk kollha involuti fil-każ biex jiġi stabbilit pjan ta' ħarsien.

(2) Il-pjan ta' ħarsien jista' jinkludi dawn li ġejjin:

(a) il-partikolaritajiet rilevanti li jidentifikaw lill-minuri;

(b) ir-raġunijiet li għalihom l-ordni għall-protezzjoni tkun ġiet mitluba;

(ċ) l-għanijiet tal-pjan ta' ħarsien u, jekk applikabbli, dawk tat-tqegħid tal-minuri f'ħarsien alternattiv;

(d) it-trattament u l-assistenza li l-ġenituri tal-minuri għandhom jirċievu bil-ħsieb li jitnaqqsu jew ikunu revokati l-effetti tal-ordni għall-protezzjoni tal-minuri;

(e) il-lok u l-frekwenza tal-kuntatt tal-minuri mal-familja tiegħu;

(f) jekk applikabbli, il-lok fejn il-minuri għandu jirrisjedi;

(g) ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, is-saħħa, il-manteniment u l-benesseri tal-minuri; u

(h) kopja ta' kull deċiżjoni rilevanti mogħtija mill-Qorti.

(3) Il-pjan ta' ħarsien għandu, f'kull każ, ikun preparat bil-parteċipazzjoni tal-minuri, jekk meqjus li jkollu fehim biżżejjed, u bil-parteċipazzjoni ta' kull persuna jew entità oħra li d-Direttur (Protezzjoni Minuri) jista' jqis li jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ:

Iżda l-uffiċjali u l-professjonisti li jfasslu l-pjan ta' ħarsien għandhom, jekk ikun meqjus li l-minuri jkollu fehim biżżejjed, jindikaw il-metodoloġija li biha ġew stabbiliti l-fehmiet u x-xewqat tal-minuri, u r-rakkomandazzjonijiet dwarhom.

(4) Il-pjan ta' ħarsien għandu jiġi ppreżentat fl-atti tal-kawża dwar ordni għall-protezzjoni permezz ta' nota.

(5) Meta jkun hemm pjan ta' ħarsien u l-kunsens ta' ġenitur ikun għadu meħtieġ għal xi ħaġa meħtieġa biex ma ssirx ħsara sinifikanti għas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri, u dak il-ġenitur ma jagħtix il-kunsens tiegħu mingħajr raġuni valida, id-Direttur (Protezzjoni Minuri) jew kull entità li l-Ministru jista' jordna b'avviż fil-Gazzetta jistgħu jaġixxu mingħajr il-kunsens ta' dak il-ġenitur u jieħdu kwalunkwe deċiżjoni fl-aħjar interess tal-minuri.

(6) Kull parti interessata tista', permezz ta' rikors lill-Qorti, titlob sabiex id-deċiżjoni meħuda skont is-subartikolu (5) tiġi mħassra, revokata jew mibdula u l-Qorti għandha tisma' u tiddeċiedi dwar ir-rikors mingħajr dewmien.

(7) Il-pjan ta' ħarsien għandu jkun suġġett għal reviżjonijiet mill-Bord ta' Reviżjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

TITOLU II

FUQ IL-QORTI TAL-MINORENNI

Sub-titolu I

FUQ IL-PROĊEDURI QUDDIEM IL-QORTI TAL-MINORENNI

Qorti tal-Minorenni. Kap. 287.

14. Mingħajr ħsara għal kull dispożizzjoni taħt l-Att dwar il-Qorti tal-Minorenni jew ta' kull liġi oħra, il-Qorti għandha kompetenza biex tisma' u tiddeċiedi l-każijiet kollha li skont dan l-Att mhumiex kompetenza ta' xi organu ieħor mwaqqaf taħtu:

Iżda f'kull każ quddiem il-Qorti, id-Direttur (Protezzjoni Minuri) ikollu d-dritt li jippreżenta noti dwar affarijiet rilevanti għal xi proċedura, liema noti jistgħu jinkludu noti ta' sottomissjonijiet jew għall-preżentata ta' evidenza rilevanti.

Seduti tal-Qorti, smigħ tal-proċeduri u deċiżjonijiet.

15. (1) Il-Qorti għandha tisma' l-każijiet kollha miġjuba quddiemha bis-saħħa ta' dan l-Att f'dawk il-postijiet preskritti mill-Ministru permezz ta' regolamenti sabiex iservu bħala *Children's House*.

(2) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Ministru jista' wkoll b'regolamenti jippreskrivi l-proċedura li għandha tiġi segwita għall-każijiet kollha li jinstemgħu ġewwa *Children's House*.

Aċċess għall-atti.

16. Ħlief għad-Direttur (Protezzjoni Minuri), għall-partijiet fil-kawża jew għall-avukat jew prokuratur legali tal-partijiet li għandhom ikollhom aċċess liberu u sħiħ għalihom, l-atti tal-proċeduri u d-dokumenti relattivi tal-Qorti m'għandhomx ikunu aċċessibbli għal terzi ħlief bil-permess tal-Qorti, li tista' tgħaddi dawk il-partijiet rilevanti tal-atti tal-proċeduri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ u jekk fl-aħjar interess tal-minuri.

Smigħ tal-minuri.

17. (1) Meta fil-proċeduri li jolqtu lill-minuri l-Qorti tqis li l-minuri jkollu fehim biżżejjed, qabel ma tieħu deċiżjoni l-Qorti għandha tieħu konsiderazzjoni tax-xewqat u l-fehmiet tal-minuri, kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u dan dejjem fl-aħjar interessi tiegħu, biex:

(a) tiżgura li l-minuri rċieva kull informazzjoni rilevanti, inkluż iżda mhux limitat għall-informazzjoni dwar proċeduri li ttieħdu, jew li jistgħu jittieħdu, fir-rigward tal-minuri u r-raġunijiet għalihom;

(b) tikkonsulta mal-minuri b'mod xieraq għall-fehma tiegħu, sakemm il-Qorti ma tkunx tal-fehma li huwa raġonevolment ċar li dan ikun kontra l-aħjar interessi tal-minuri;

(ċ) tagħti l-opportunità lill-minuri jesprimi l-fehmiet

tiegħu u tikkunsidrahom:

Iżda l-Qorti għandha, sakemm ma tkunx semgħet lill-minuri fil-ġurnata appuntata għas-smigħ tal-kawża, tisma' lill-minuri mhux aktar tard mit-tieni seduta fis-smigħ tal-kawża.

(2) Meta l-Qorti ma tkunx hi stess li tikkonsulta lill-minuri, hi għandha tiżgura li l-persuna li tikkonsulta lill-minuri tkun irċeviet taħriġ xieraq sabiex tagħmel dawk il-konsultazzjonijiet, u fil-każ ta' minuri mhux akkumpanjati, il-Qorti għandha tiżgura wkoll illi l-persuna li tikkonsulta lil dawn il-minuri għandha s-sensittività lingwistika u kulturali xierqa.

(3) Il-persuna li tagħmel il-konsultazzjoni skont is-subartikolu preċedenti għandha tħejji rapport dwar l-istess konsultazzjoni u għandha tippreżentah lill-Qorti fl-atti tal-proċeduri b'dak il-mod u sa dak iż-żmien li l-Qorti tista' tordnalha.

(4) Il-fehmiet tal-minuri li jkunu determinabbli jew, meta dawn il-fehmiet ma jkunux jistgħu jiġu determinati, ir-raġunijiet għal dan, għandhom jitniżżlu fl-atti tal-kawża mill-Qorti.

(5) Il-fehmiet tal-minuri għandhom jiġu determinati b'sensittività u b'mod li ma tiġix ikkaġunata ħsara lill-minuri.

(6) F'kull proċedura quddiem il-Qorti, il-Qorti għandha tikkunsidra:

(a) il-fehmiet tal-minuri, jekk il-minuri huwa meqjus illi għandu fehim biżżejjed;

(b) il-ħtiġiet fiżiċi, emozzjonali u edukattivi tal-minuri u l-kapaċità tal-ġenituri, jew ta' persuni oħra xierqa, li jikkontribwixxu għal dawk il-ħtiġiet;

(ċ) l-effett li bidla fiċ-ċirkustanzi jista' jkollha fuq il-minuri;

(d) l-età, l-isfond u l-karatteristiċi tal-minuri li l-Qorti tqis rilevanti;

(e) il-ħsara li l-minuri sofra jew li jista' jsofri; u

(f) kull ħaġa rilevanti oħra.

(7) Il-Qorti għandha tiffissa l-ħin li fih il-minuri għandu jagħti x-xhieda tiegħu skont is-subartikolu (8) u għal dan il-għan għandha tisma' lil dak il-minuri f'postijiet preskritti skont l-artikolu 15.

(8) Ix-xhieda tal-minuri għandha tingħabar minn esperti li għandhom ikunu nominati mill-Ministru sabiex jiffurmaw parti minn lista ta' esperti li jistgħu jinħatru mill-Qorti f'każijiet ta' din in-natura, u s-smigħ tal-minuri għandu kemm jista' jkun isir f'seduta waħda filwaqt li jkun żgurat ukoll li d-drittijiet tal-partijiet kollha involuti jkunu protetti.

(9) Għall-kontroeżami tal-minuri l-mistoqsijiet mill-avukati difensuri għandhom isiru lill-esperti msemmija fis-subartikolu (8) quddiem il-Qorti u l-Qorti għandha tara li tingħabar ix-xhieda meħtieġa skont is-subartikolu (8) u l-liġi tal-provi:

Iżda f'każijiet eċċezzjonali biss, parti fil-proċeduri tista' teħtieġ li l-Qorti terġa' tisma' lill-minuri għall-finijiet ta' kontroeżami ulterjuri u għal dan il-għan il-Qorti għandha tgħaddi għal dak is-smigħ bl-istess metodi msemmija f'dan is-subartikolu.

(10) Il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi l-proċedura ta' kif għandhom jiġu nominati l-esperti msemmija fis-subartikolu (8).

Sub-titolu II

FUQ L-ORDNIJIET GĦALL-PROTEZZJONI TAL-MINURI

Proċedura għall-ħruġ ta' ordnijiet għall-protezzjoni.

18. (1) Id-Direttur (Protezzjoni Minuri) jista', permezz ta' rikors, jitlob lill-Qorti toħroġ ordni għall-protezzjoni ta' minuri skont kif dispost fl-artikolu 19.

(2) Ir-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) għandu, minbarra l-partikolaritajiet rilevanti li jidentifikaw lill-minuri u, kif applikabbli, lill-ġenituri tal-minuri, jinkludi:

(a) il-fatti rilevanti għall-każ u għat-talbiet li jinsabu fir-rikors;

(b) rapport li jkun fih il-konklużjonijiet tal-investigazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet relattivi;

(ċ) meta possibbli, indikazzjoni ta' xi forma oħra disponibbli ta' ħarsien;

(d) dawk id-dokumenti l-oħra li jkunu meħtieġa sabiex isaħħu t-talba;

(e) talba biex tinħareġ ordni għall-protezzjoni; u

(f) meta meħtieġ, it-talba sabiex il-Qorti tipprovdi għall-ħarsien immedjat tal-minuri skont kif jidhirlu xieraq fiċ-ċirkustanzi tal-każ.

(3) Il-Qorti għandha tagħti kull provvediment proviżorju dwar ir-rikors imsemmi fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa.

(4) Kull deċiżjoni, ordni jew provvediment tal-Qorti fuq rikors imsemmi f'dan l-artikolu għandhom ikunu bbażati esklussivament fuq ir-rikors promotur.

(5) Meta tirċievi ir-rikors skont dan l-artikolu l-Qorti għandha tinnomina Avukat tat-Tfal u għandha mbagħad tappunta r-rikors għas-smigħ fi żmien għaxart ijiem utili u tordna n-notifika immedjata tad-data tas-smigħ lid-Direttur (Protezzjoni Minuri), lill-ġenituri tal-minuri, lill-Avukat tat-Tfal nominat minnha u, jekk applikabbli, lit-tutur u, jew kuratur.

(6) Il-Qorti għandha, matul l-ewwel seduta, tisma' t-talba tad-Direttur (Protezzjoni Minuri), il-provi li jsaħħu dik it-talba, u jekk tħoss li jkun xieraq, lill-ġenituri tal-minuri, lill-Avukat tat-Tfal u, jekk applikabbli, lit-tutur u, jew kuratur.

(7) Meta l-Qorti tkun sodisfatta li t-talbiet huma ġustifikati, il-Qorti għandha taġġorna l-każ għal data oħra, li ma tkunx aktar tard minn xahrejn mid-data tal-ewwel smigħ, u d-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jipprepara pjan ta' ħarsien sa dik id-data:

Iżda meta r-rikors ikun għal ordni ta' ħarsien il-Qorti għandha, wara li tikkonsulta mad-Direttur (Ħarsien Alternattiv), tistabbilixxi l-post fejn il-minuri għandu jirrisjedi sakemm jiġi preparat il-pjan ta' ħarsien:

Iżda wkoll meta l-ġenituri jħossu li jistgħu jirribattu allegazzjoni fil-konfront tagħhom permezz tal-produzzjoni ta' xhieda u sottomissjonijiet, huma għandhom jitħallew iħarrku x-xhieda jew iressqu 'l quddiem kull tip ta' prova jew sottomissjoni oħra rilevanti.

(8) Meta l-Qorti tkun sodisfatta li l-pjan ta' ħarsien hu xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ, hi għandha tagħti d-deċiżjoni finali tagħha dwar ir-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) fi żmien xahrejn mill-preżentata tiegħu billi tawtorizza u timponi l-ordnijiet relattivi u dan bla ħsara għal dawk il-kundizzjonijiet l-oħra li l-Qorti jidhrilha xierqa li timponi u dan inkluż li tafda l-kura u kustodja tal-minuri f'idejn terzi persuni.

Ordnijiet għall-protezzjoni tal-minuri.

19. (1) Fil-każijiet li fihom id-Direttur (Protezzjoni Minuri) jaġixxi sabiex tkun magħmula ordni għall-protezzjoni ta' minuri, il-Qorti tista' tagħmel waħda jew iżjed mill-ordnijiet li ġejjin:

(a) ordni ta' ħarsien li permezz tagħha tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil dik il-persuna jew entità li taħdem fil-qasam soċjali li l-Qorti jidhrilha xierqa;

(b) ordni ta' superviżjoni li tqiegħed lill-minuri taħt is-superviżjoni tal-entità indikata mid-Direttur (Protezzjoni Minuri) għal żmien speċifikat fl-ordni u taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Qorti jidhrilha xieraq li timponi, inkluż l-allokazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenitur jew xi aspetti tagħha lil dik il-persuna jew persuni kif il-Qorti tħoss li huwa xieraq;

(ċ) ordni ta' trattament li tordna lill-ġenituri tal-minuri jirċievu kura għall-abbuż minn sustanzi, jew trattament għal vjolenza domestika, jew kura psikjatrika jew psikoloġika jew kwalunkwe trattament, kura jew għajnuna li l-Qorti, wara li tisma' l-esperti fil-qasam, jidhrilha xieraq li timponi;

(d) ordni ta' tneħħija li permezz tagħha tordna l-iżgumbrament tal-awtur tal-ħsara sinifikanti lill-minuri mil-lok fejn ikun joqgħod dak il-minuri, liema ordni ta' tneħħija jista' wkoll jipprovdi għall-protezzjoni tal-minuri, u dan mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra.

(2) Qabel ma tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha l-Qorti għandha tikkunsidra, sakemm ikun possibbli:

(a) il-fehmiet tal-minuri, meta jitqies li għandu fehim biżżejjed;

(b) il-fehmiet tal-ġenituri;

(ċ) il-fehmiet tat-tutur u, jew kuratur;

(d) il-kapaċità tal-ġenituri li jħarsu l-benesseri u l-iżvilupp armonjuż tal-minuri;

(e) in-natura u l-kwalità tar-rabta bejn il-minuri u l-familja tiegħu;

(f) il-ħsara li ġiet imġarrba, li qiegħed iġarrab jew li tista' tiġi mġarrba mill-minuri;

(g) it-tul ta' żmien li l-familja tal-minuri tkun damet tirċievi servizzi ta' appoġġ u trattament;

(h) il-grad ta' vulnerabbiltà tal-minuri;

(i) l-isfond kulturali, lingwistiku u reliġjuż tal-minuri; u

(j) ir-relazzjonijiet tal-minuri ma' ħutu.

(3) Għall-għanijiet tas-subartikolu (1)(a), il-Qorti għandha tqis:

(a) jekk hemmx nuqqasijiet fil-kura ta' kuljum tal-minuri jew nuqqasijiet f'dak li hu kuntatt personali u sigurtà li l-minuri jinħtieġ fl-età u l-iżvilupp tiegħu;

(b) jekk il-minuri li jkun marid, diżabbli jew fi bżonn ta' għajnuna speċjali, hux qiegħed jingħata t-trattament u l-kura speċjalizzata li jinħtieġ;

(ċ) jekk il-minuri huwiex f'riskju ta' abbandun; u

(d) jekk, b'mod ġenerali, il-minuri huwiex f'riskju li jsofri ħsara sinifikanti.

(4) Fil-każijiet fejn isir provvediment għall-għoti ta' xi responsabbiltajiet ta' ġenitur lil xi persuna minbarra l-ġenituri tal-minuri, il-Qorti għandha tagħti preferenza lill-familja tal-minuri, sakemm il-Qorti ma tkunx tal-fehma li huwa raġonevolment ċar li dan ikun kontra l-aħjar interessi tal-minuri.

Ordni ta' emerġenza.

20. (1) Meta d-Direttur (Protezzjoni Minuri) ikollu informazzjoni raġonevoli li twaslu biex ikun konvint li l-minuri ikun qiegħed isofri ħsara sinifikanti, id-Direttur (Protezzjoni Minuri) jista', bl-għajnuna tal-Pulizija Eżekuttiva, minnufih jipproċedi bit-tneħħija tal-minuri minn dak il-post li fih tkun qiegħda ssir dik il-ħsara sinifikanti u dan mingħajr ebda ħtieġa ta' xi forma ta' awtorizzazzjoni.

(2) Fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa minn meta jkun ħa azzjoni skont is-subartikolu (1), id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jippreżenta rikors quddiem il-Maġistrat tal-għassa sabiex provviżorjament jikkonvalida jew jirrevoka t-tneħħija tal-minuri kif hemm imsemmi:

Iżda malli jirċievi r-rikors, il-Maġistrat tal-għassa għandu jaħtar Avukat tat-Tfal biex isegwi l-istess rikors.

(3) Id-digriet provviżorju mogħti mill-Maġistrat skont dan l-artikolu għandu jiġi notifikat minnufih lid-Direttur (Protezzjoni Minuri), lill-Pulizija Eżekuttiva, lill-Avukat tat-Tfal maħtur, lid-Direttur (Ħarsien Alternattiv), lill-ġenituri tal-minuri u, jekk applikabbli, lit-tutur u, jew kuratur.

(4) Ir-rikors imsemmi fis-subartikolu (2) għandu jkun fih tifsira qasira iżda ċara tal-fatti tal-każ u talba sabiex il-Qorti tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur (Protezzjoni Minuri).

(5) Wara li jingħata digriet provviżorju skont is-subartikolu (2), l-atti tal-proċess għandhom minnufih jintbagħtu lill-Qorti sabiex tkompli bil-prosegwiment tal-każ.

(6) Il-Qorti għandha tappunta r-rikors għas-smigħ mhux aktar tard minn għaxart ijiem utili minn meta tirċievi l-atti tal-proċess.

(7) Il-Qorti tista' tordna lid-Direttur (Protezzjoni Minuri) jagħmel dawk l-investigazzjonijiet neċessarji sabiex tiġi stabbilita liema azzjoni għandha tittieħed biex jiġi salvagwardat il-benesseri tal-minuri.

(8) Minnufih malli jkun informat mid-Direttur (Protezzjoni Minuri) li hemm il-bżonn it-tneħħija ta' minuri minn post ta' riskju skont dan l-artikolu, id-Direttur (Ħarsien Alternattiv) għandu jqiegħed lill-minuri f'ħarsien alternattiv waqt li investigazzjonijiet oħra skont l-artikolu 10 jkunu għadhom pendenti.

(9) Kull investigazzjoni skont dan l-artikolu għandha tkun konkluża fi żmien tletin jum utili mid-data tal-ewwel smigħ:

Iżda, għal raġuni xierqa u wara li jsir rikors lill-Qorti, dan il-perjodu jista' jiġi mġedded mill-Qorti għal perijodu ieħor ta' għaxart ijiem utili.

(10) Meta jikkonkludi l-investigazzjoni, id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jippreżenta rapport lill-Qorti fejn fih għandu jfisser x'azzjoni jemmen li hemm bżonn li tittieħed dwar il-minuri u r-raġunijiet għall-istess bżonn.

(11) B'żieda mar-rapport imsemmi fis-subartikolu (10), id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jipprepara u jippreżenta pjan ta' ħarsien li għandu jinkludi fih rakkomandazzjonijiet dwar liema ordni ta' protezzjoni huwa jqis fl-aħjar interessi tal-minuri.

(12) Il-Qorti għandha, malli tirċievi r-rapport u l-pjan ta' ħarsien imsemmija fis-subartikoli (10) u (11), tistabbilixxi data li ma tkunx aktar tard minn għaxart ijiem utili mid-data ta' meta jkunu preżentati r-rapport u l-pjan ta' ħarsien biex tisma' lid-Direttur (Protezzjoni Minuri), lill-ġenituri tal-minuri, lill-minuri, lill-Avukat tat-Tfal, lit-tutur u, jew kuratur meta applikabbli, u lil kull persuna jew persuni oħra li l-Qorti jidhrilha xieraq.

(13) Wara li tikkunsidra r-rapport, il-pjan ta' ħarsien u x-xhieda kollha, il-Qorti għandha tawtorizza jew tiċħad dik l-ordni jew ordnijiet li d-Direttur (Protezzjoni Minuri) ikun irrakkomanda fil-pjan ta' ħarsien, u tista' tiddeċiedi wkoll dwar l-għoti ta' responsabbiltajiet ta' ġenitur lil xi persuna kif jidhrilha xieraq:

Iżda, meta l-Qorti tawtorizza dik l-ordni jew ordnijiet rakkomandati mid-Direttur (Protezzjoni Minuri) taħt dan l-artikolu, il-każ għandu jiġi riferut lill-Bord ta' Reviżjoni fi żmien ħamest ijiem tax-

xogħol.

Minuri mhux akkumpanjati.

21. (1) Kull persuna li tiġi f'kuntatt ma' minuri mhux akkumpanjat għandha tirreferi lil dak il-minuri lid-Direttur (Protezzjoni Minuri) li għandu jinnotifika lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni biex jirreġistra dak il-minuri u biex joħroġ dokument ta' identità għal dak il-minuri:

Iżda fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont dan l-Att, kif jirrigwardaw lill-minuri mhux akkumpanjati, id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jitlob il-kooperazzjoni tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għal ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil imwaqqfa skont ir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar l-Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil:

Iżda wkoll, dik il-kooperazzjoni għandha sseħħ skont ftehim li jista' jintlaħaq bejn id-Direttur (Protezzjoni Minuri) u dak l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv liema ftehim jista' jinkludi delega tar-responsabbiltajiet u l-poteri mogħtija lid-Direttur (Protezzjoni Minuri) taħt dan l-Att.

(2) Id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu, minnufih wara li l-minuri ikun reġistrat u jinħarġulu d-dokumenti ta' identifikazzjoni opportuni, jitlob lill-Qorti sabiex tipprovdi għat-tutela u, jew għall-kurazija tal-minuri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ u fl-aħjar interess tal-minuri.

(3) Meta fost il-qraba tal-minuri ikun hemm persuni li skont il-fehma tal-Qorti jkunu kompetenti, il-Qorti għandha taħtar waħda jew iżjed minn dawn il-persuni u, minn fost dawk il-persuni u dejjem skont l-aħjar interessi tal-minuri, għandha tingħata preferenza lill-eqreb qarib skont il-konsangwinità u fin-nuqqas għal dawk b'affinità.

Kap. 16.

(4) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu għandhom *mutatis mutandis* japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili dwar tutela u kurazija u bla ħsara għas-setgħat, funzjonijiet u dmirijiet li huma mogħtija lit-tutur u, jew kuratur taħt dawk id-dispożizzjonijiet jew għas-setgħat, funzjonijiet u dmirijiet li jistgħu jkunu mogħtija lilu skont xi liġi, it-tutur u, jew kuratur għandu jkun responsabbli biex jassisti u jappoġġa lill-minuri mhux akkumpanjat u b'mod partikolari li:

(a) jidentifika l-persuni jew l-entitajiet li hemm bżonn li jkunu involuti fil-kura, kustodja u protezzjoni tal-minuri;

(b) jikkordina l-isforzi ta' dawk il-persuni u entitajiet minnu identifikati;

(ċ) jiżgura li l-minuri jkun offrut kura, akkomodazzjoni, edukazzjoni u kura medika, kif ikun xieraq u mingħajr dewmien;

(d) jiżgura li l-minuri jkollu rappreżentanza u assistenza legali u ġuridika xierqa fir-rigward tal-i*status* ta' residenza tiegħu, it-talba tiegħu għall-ażil, jew xi proċeduri legali jew amministrattivi oħra, inkluż l-amministrazzjoni tal-patrimonju tiegħu; u

(e) jiżgura li kull deċiżjoni dwar il-minuri tittieħed fl-aħjar interessi tiegħu.

(5) Id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jirreferi lill-minuri mhux akkumpanjat lill-awtoritajiet kompetenti biex huma jagħmlu dawk l-investigazzjonijiet u evalwazzjonijiet li jkun jidhrilhom li huma xierqa biex jiddeterminaw huwiex minuri mhux akkumpanjat u sabiex jirrintraċċaw il-familja tiegħu fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew f'ġurisdizzjonijiet oħra, jekk dan ikun fl-aħjar interessi tal-minuri.

(6) Meta jirċievi l-konklużjonijiet tal-investigazzjonijiet u evalwazzjonijiet mingħand l-awtoritajiet kompetenti, li jistabbilixxu li l-applikant huwa fil-fatt minuri mhux akkumpanjat, it-tutur u, jew kuratur għandu, b'rikors, jagħmel talba lill-Qorti biex toħroġ ordni għall-protezzjoni skont dan l-Att.

(7) Malli tirċievi talba bħal dawk imsemmija fis-subartikoli (2) u (6), il-Qorti għandha taħtar Avukat tat-Tfal għall-minuri mhux akkumpanjat u għandha tappunta s-smigħ tar-rikors fi żmien għaxart ijiem utili.

(8) Malli tappunta s-smigħ kif imsemmi fis-subartikolu preċedenti, il-Qorti għandha minnufih tinnotifika lill-Aġenzija, jew dawk l-awtoritajiet kompetenti jew entitajiet oħra responsabbli għall-ġid tal-persuni li jfittxu protezzjoni internazzjonali, skont il-każ, bid-data tas-smigħ.

(9) Il-Qorti għandha, mal-ewwel smigħ, tisma' t-talba, il-provi li jsaħħu t-talba, il-minuri mhux akkumpanjat, it-tutur u, jew kuratur u lill-Avukat tat-Tfal.

(10) Meta l-Qorti tkun sodisfatta li l-applikant huwa fil-fatt minuri mhux akkumpanjat, il-Qorti għandha tiddifferixxi l-każ għal ġurnata oħra li ma tkunx aktar tard minn xahar mill-ewwel smigħ, u d-Direttur (Protezzjoni Minuri), għandu, f'dak il-perijodu li jifdal sal-ġurnata tad-differiment, tipprepara pjan ta' ħarsien u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

(11) Meta l-Qorti tkun sodisfatta li l-pjan ta' ħarsien ikun xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti għandha toħroġ ordni għall-protezzjoni, bla ħsara għal dawk il-kundizzjonijiet l-oħra li l-Qorti jidhrilha xieraq li

timponi, inkluż li tafda l-kura u kustodja lill-Aġenzija jew lil xi awtorità jew entità kompetenti li l-Qorti jidhrilha xierqa.

(12) Malli l-Qorti toħroġ ordni għall-protezzjoni kif imsemmi fis-subartikolu preċedenti, il-Qorti għandha mbagħad tirreferi l-każ lill-Bord ta' Reviżjoni għar-reviżjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Validità tal-ordnijiet għall-protezzjoni tal-minuri.

22. (1) Ordni għall-protezzjoni għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' tmintax-il sena jew sakemm tiġi revokata mill-Qorti.

(2) Il-Qorti tista' tirrevoka xi ordni għall-protezzjoni malli tirċievi rakkomandazzjoni favur dan, kif mogħtija skont l-artikolu 33(5) mill-Bord ta' Reviżjoni.

(3) Il-Qorti għandha, qabel tirrevoka ordni skont is-subartikolu preċedenti, tqis, kif applikabbli:

(a) ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Reviżjoni u r-raġunijiet mogħtija għaliha;

(b) il-fehmiet tal-minuri, jekk meqjus li għandu fehim biżżejjed;

(ċ) il-fehmiet tal-Avukat tat-Tfal;

(d) il-fehmiet tal-ġenituri tal-minuri;

(e) il-fehmiet tal-ħaddiem soċjali ewlieni;

(f) il-fehmiet tal-*carer* alternattiv;

(g) il-fehmiet tat-tutur u, jew kuratur; u

(h) il-fehmiet ta' kull persuna oħra li l-Qorti jidhrilha xieraq.

(4) Meta l-Qorti tqis li jeżistu raġunijiet biżżejjed sabiex tkun revokata xi ordni għall-protezzjoni, il-Qorti għandha tirreferi l-każ lill-Bord ta' Reviżjoni sabiex jipprepara pjan ta' integrazzjoni mill-ġdid u għal dak il-għan għandhom japplikaw *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 35.

(5) Meta l-Qorti tqis li ma jeżistux raġunijiet biżżejjed sabiex tkun revokata xi ordni għall-protezzjoni, il-Qorti għandha tordna li jitkomplew ir-reviżjonijiet quddiem il-Bord ta' Reviżjoni u għandha tagħti raġunijiet għalfejn.

(6) Għall-għanijiet tas-subartikoli (4) u (5), il-Qorti għandha tqis:

(a) l-età tal-minuri;

(b) ix-xewqat tal-minuri u l-konsiderazzjoni li għandha tagħti lil dawn ix-xewqat skont il-maturità tal-minuri;

(ċ) it-tul ta' żmien li l-minuri kien ilu fil-ħarsien tal-*carers* alternattivi preżenti;

(d) ir-rabta tal-minuri mal-ġenituri tiegħu u l-*carers* alternattivi preżenti;

(e) il-kapaċità tal-ġenituri tal-minuri li jipprovdu livell xieraq ta' ħarsien għall-minuri; u

(f) ir-riskju ta' ħsara psikoloġika li jista' jsofri l-minuri jekk l-arranġamenti tal-ħarsien preżenti jinbidlu jew jiġu revokati.

Pjan ta' permanenza alternattiv.

23. (1) Il-Qorti tista' tagħti digriet li jordna li pjan ta' permanenza alternattiv huwa, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, fl-aħjar interess tal-minuri.

(2) Il-pjan ta' permanenza alternattiv għandu jkun preparat mid-Direttur (Protezzjoni Minuri)u għandu jidħol fis-seħħ skont kemm ikun sar avvanz f'dak kollu li jirrigwarda l-artikolu 13.

(3) Il-pjan ta' permanenza alternattiv għandu jkun maħsub biex jitnaqqsu jew ikunu revokati l-effetti tal-ordni għall-protezzjoni tal-minuri u għandu jipprovdi għall-permanenza li tkun relazzjonali, fiżika u legali.

(4) Il-Qorti tista' tagħti d-digriet imsemmi fis-subartikolu (1) fuq rikors tad-Direttur (Protezzjoni Minuri), magħmul flimkien ma' talba għal ordni għall-protezzjoni u mal-istess rikors id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu wkoll jippreżenta l-pjan ta' permanenza alternattiv għall-konsiderazzjoni tal-Qorti:

Iżda l-Qorti tista' wkoll tagħti digriet kif imsemmi fis-subartikolu (1) fuq rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Reviżjoni skont l-artikolu 33(7).

(5) Qabel tagħti digriet skont dan l-artikolu l-Qorti għandha tikkunsidra l-fehmiet u x-xewqat tal-minuri, jekk meqjus li għandu fehim biżżejjed, u ta' kull persuna jew entità oħra li l-Qorti tista' tqis rilevanti, bil-għan li jiġu salvagwardjati l-fehmiet u x-xewqat tal-minuri.

(6) Meta l-Qorti tagħti digriet skont dan l-artikolu hija tista' wkoll tagħti lill-*carers* alternattivi setgħat ta' ġenitur, partikolarment dwar kwistjonijiet ta' edukazzjoni, saħħa, reliġjon u safar:

Iżda l-Qorti tista' wkoll timponi xi kundizzjoni oħra li jidhrilha xieraq li timponi fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

(7) Kull reviżjoni tal-pjan ta' permanenza alternattiv għandha ssir tal-anqas darba fis-sena permezz ta' rapport magħmul mill-ħaddiem soċjali ewlieni, liema rapport għandu jkun preżentat lill-Bord ta' Reviżjoni.

(8) Għall-għanijiet tas-subartikolu preċedenti, l-imsemmi bord għandu, kull meta jidhirlu xieraq li hekk jagħmel, isejjaħ lil kull persuna jew entità biex tidher quddiemu u jippreżenta kull dokument li jista' jeħtieġ:

Iżda l-Bord ta' Reviżjoni għandu jkollu s-setgħa li jisma' lill-minuri f'kull żmien li matulu l-pjan ta' permanenza alternattiv ikun fis-seħħ, biex jaċċerta ruħu dwar il-benesseri ta' dak il-minuri.

Digriet biex minuri jkun jista' jingħata għall-adozzjoni.

24. (1) Skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u fuq rikors tal-Aġenzija jew ta' kull persuna interessata, il-Qorti tista' tagħti digriet li jordna li minuri taħt ordni għall-protezzjoni jista' jingħata għall-adozzjoni u dan anke fin-nuqqas tal-kunsens tal-ġenituri:

Iżda minkejja kull dispożizzjoni ta' xi liġi oħra, adozzjoni wara ordni skont dan l-artikolu tista' tkun miftuħa u mingħajr restrizzjonijiet ta' età.

(2) Ir-rikors msemmi fis-subartikolu preċedenti għandu, minbarra l-partikolaritajiet rilevanti li jidentifikaw lill-minuri u, jekk applikabbli, lill-ġenituri tal-minuri, ikun fih wkoll ir-raġunijiet għal dik it-talba u meta ġenituri adottivi prospettivi jkunu ġew identifikati mill-Aġenzija r-rikors għandu jkun fih wkoll il-partikolaritajiet li jidentifikawhom:

Iżda meta fost il-persuni identifikati bħala ġenituri adottivi prospettivi jkun hemm il-*carers* alternattivi, l-Aġenzija tista' fir-rikors tagħti preferenza lil dawk il-*carers*, dejjem skont l-aħjar interessi tal-minuri.

(3) Ir-rikors imsemmi f'dan l-artikolu għandu jkun notifikat lill-ġenituri tal-minuri li jkollhom għoxrin ġurnata min-notifika għall-preżentata tar-risposta tagħhom.

(4) Wara l-preżentata tar-risposta msemmija fis-subartikolu (3) jew wara li jgħaddi ż-żmien mogħti għaliha kif hemm imsemmi, il-partijiet għandhom jiġu notifikati bid-data tas-smigħ tar-rikors.

(5) Qabel tagħti digriet li jordna li l-minuri taħt ħarsien alternattiv għandu jingħata għall-adozzjoni, il-Qorti għandha:

(a) tisma' u taċċerta l-fehmiet u x-xewqat tal-minuri, jekk meqjus li jkollu fehim biżżejjed;

(b) tisma' lil kull persuna li tkun ġiet fdata kwalunkwe forma ta' kura u kustodja tal-minuri li għandu jingħata għall-adozzjoni;

(ċ) tisma' lill-ġenituri ta' dak il-minuri;

(d) tisma' lill-Avukat tat-Tfal, lill-ħaddiem soċjali ewlieni u lil kull persuna oħra li tqis rilevanti;

(e) tqis jekk l-għoti għall-adozzjoni ikunx fl-aħjar interessi tal-minuri;

(f) tqis jekk hemmx prospetti raġonevoli li l-ġenituri jsiru kapaċi li jieħdu ħsieb lill-minuri; u

(g) tqis il-ħsieb tal-ġenituri dwar jekk il-minuri għandux jingħata għall-adozzjoni:

Iżda l-fatt li ma jkunx hemm il-kunsens tal-ġenituri ma għandux, meħud waħdu, ikun ta' xkiel biex il-minuri jingħata għall-adozzjoni.

(6) Meta l-Qorti tagħti digriet li jordna li l-minuri għandu jingħata għall-adozzjoni hija għandha tagħti r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni.

(7) F'kull każ fejn l-Aġenzija fir-rikors tagħha tkun ukoll identifikat il-ġenituri adottivi prospettivi, il-Qorti għandha tirreferi d-digriet, flimkien mar-rikors, lill-qorti li bil-liġi jkollha s-setgħa li tagħmel digrieti għall-adozzjoni u d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili dwar l-adozzjonijiet għandhom *mutatis mutandis* japplikaw, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Kap. 16.

Sub-titolu III

FUQ L-AVUKAT TAT-TFAL

Avukat tat-Tfal.

25. (1) Bla ħsara għall-funzjonijiet tal-Avukat tat-Tfal li joħorġu minn xi liġi oħra, l-Avukat tat-Tfal għandu:

(a) jagħti parir legali u assistenza lill-minuri;

(b) jippreżenta l-fehmiet tal-minuri quddiem xi qorti jew xi awtorità amministrattiva skont kif mgħoddija lilu mill-ħaddiem soċjali ewlieni jew minn espert dwar il-ħarsien tal-minuri maħtur mill-Qorti għal dak il-għan;

(ċ) jipprovdi spjegazzjonijiet lill-minuri dwar il-konsegwenzi li jkunu possibbli f'każ ta' konformità mal-fehmiet tiegħu jew tagħha; u

(d) jipprovdi lill-minuri kull informazzjoni rilevanti:

Iżda l-Avukat tat-Tfal għandu jagħti lill-minuri l-ispjegazzjonijiet u l-informazzjoni rilevanti kollha kif imsemmi fil-paragrafi (b) u (ċ) biss meta l-minuri ikun meqjus li għandu fehim biżżejjed.

(2) L-Avukat tat-Tfal għandu jirċievi dak it-taħriġ rilevanti li minn żmien għal żmien jista' jiġi preskritt b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja sabiex ikunu effettivament rappreżentati u salvagwardjati l-fehmiet u x-xewqat tal-minuri:

Iżda meta l-Avukat tat-Tfal għandu jkun imqabbad fir-rigward ta' minuri mhux akkumpanjat, dak l-Avukat tat-Tfal partikolari għandu jirċievu jew ikun irċieva taħriġ fuq il-problemi u l-kwistjonijiet li jaffettwaw tfal migranti u tfal migranti li jfittxu protezzjoni internazzjonali.

TITOLU III

FUQ IĊ-ĊENTRU TERAPEWTIKU U SIKUR

Ċentru Terapewtiku u Sikur.

26. (1) Għandu jitwaqqaf Ċentru Terapewtiku u Sikur fi ħdan dik l-entità msemmija mill-Ministru permezz ta' avviż fil-Gazzetta, bil-għan li minuri b'diffikultajiet gravi fl-imġiba tagħhom jiġu miżmuma f'post b'ambjent sikur u adegwat bil-ħsieb li jiġu mogħtija dik it-terapija u għajnuna meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jirritornaw fis-soċjetà u jipparteċipaw fiha b'mod xieraq.

(2) Il-prerekwiżiti biex minuri jkun jista' jitqiegħed taħt programm fi ħdan iċ-Ċentru Terapewtiku u Sikur huma li:

(a) il-minuri ħarab jew ikun probabbli li jerġa' jaħrab u, jekk il-minuri hekk jaħrab ikun probabbli li l-benesseri fiżiku, psikoloġiku u morali tiegħu jkun f'riskju; jew

(b) ikun probabbli li l-minuri jġib ruħu b'mod li jista' jweġġa' lilu nnifsu; jew

(ċ) ikun probabbli li l-minuri jagħmel ħsara lil persuni oħra.

Dħul immedjat.

27. (1) Bla ħsara għal kull liġi oħra, meta ħaddiem soċjali wara li jsir jaf li minuri jkun jinsab f'riskju immedjat ta' ħsara sinifikanti

minħabba diffikultà fl-imġiba tiegħu skont xi waħda mill-kundizzjonijiet miġjuba fl-artikolu 26(2), huwa għandu jirreferi dan il-każ lid-Direttur ta' dik l-entità msemmija fl-artikolu 26(1) sabiex fl-aħjar interessi tal-minuri huwa jitneħħa immedjatament minn dak ir-riskju u jitqiegħed taħt programm fi ħdan iċ-Ċentru Terapewtiku u Sikur.

(2) Id-deċiżjoni meħuda skont is-subartikolu (1) għandha tiġi approvata mid-Direttur flimkien mad-Direttur (Protezzjoni Minuri) tal-entità msemmija fl-artikolu 26(1) u minn żewġ professjonisti anzjani fi ħdan l-Aġenzija.

(3) Id-Direttur tal-entità msemmija fl-artikolu 26(1) għandu jiżgura li ċ-Ċentru Terapewtiku u Sikur iwettaq evalwazzjoni speċjalizzata rigward ir-riskji għall-minuri fi żmien tlitt ijiem mid-dħul immedjat tal-minuri fl-istess ċentru, liema evalwazzjoni speċjalizzata għandha tiġi preżentata flimkien mar-rikors msemmi fis-subartikolu (4).

(4) Meta minuri jitqiegħed b'mod immedjat taħt programm fi ħdan iċ-Ċentru Terapewtiku u Sikur skont dan l-artikolu, id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jippreżenta rikors quddiem il-Qorti fi żmien tlett (3) ijiem minn dak it-tqegħid u l-Qorti għandha tikkonvalida jew tirrevoka d-deċiżjoni meħuda mingħajr dewmien.

Talba għad-dħul fiċ-Ċentru Terapewtiku u Sikur.

28. Meta jkun hemm xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 26(2) imma ċ-ċirkostanzi ta' każ jidhru li ma jeħtiġux tqegħid immedjat skont l-artikolu 27, id-Direttur (Protezzjoni Minuri) jista' wkoll jippreżenta rikors sabiex il-Qorti tkun tista' tawtorizza d-dħul ta' minuri fiċ-Ċentru Terapewtiku u Sikur.

Talba għat-tneħħija miċ-Ċentru Terapewtiku u Sikur.

29. (1) Kull persuna interessata li ma taqbilx mad-deċiżjoni li minuri jitqiegħed fi ħdan iċ-Ċentru Terapewtiku u Sikur tista' tippreżenta rikors quddiem il-Qorti u titlob li tirrevoka dik id-deċiżjoni.

(2) Ir-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jiġi notifikat lid-Direttur (Protezzjoni Minuri) u lid-Direttur tal-entità msemmija fl-artikolu 26(1), li għandhom fi żmien ħamest ijiem utili, jew f'dak il-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq, jippreżentaw r-risposta tagħhom.

(3) Il-Qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) mingħajr dewmien.

(4) Ir-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) ma għandux jissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li għaliha tkun qed issir oġġezzjoni.

Setgħa tal-Qorti.

30. (1) F'kull proċedura ta' natura kriminali quddiemha, il-Qorti tista', fl-għoti tas-sentenza, titlob lid-Direttur (Protezzjoni Minuri) iqis il-każ referut lilu sabiex jikkunsidra u jiddeċiedi dwar jekk dak il-minuri għandux jitqiegħed fiċ-Ċentru Terapewtiku u Sikur jew le:

Iżda meta d-Direttur (Protezzjoni Minuri) jiġi biex iqis il-każ kif imsemmi f'dan is-subartikolu d-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jikkonsulta u jġib l-approvazzjoni tad-Direttur tal-entità msemmija fl-artikolu 26(1) u ta' żewġ professjonisti anzjani fi ħdan l-Aġenzija.

(2) Meta jiġi deċiż li każ huwa wieħed li fih ikun xieraq li minuri jitqiegħed fiċ-Ċentru Terapewtiku u Sikur skont dan l-artikolu, u jkun hemm waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 26(2), id-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jippreżenta rikors fl-atti tal-kawża li fiha jagħti l-kundizzjonijiet għal dak it-tqegħid, liema kundizzjonijiet għandhom jiġu awtorizzati mill-Qorti sabiex iseħħ dak it-tqegħid.

TITOLU IV

FUQ IL-BORD TA' REVIŻJONI GĦALL-ĦARSIEN TAL-MINURI

Bord ta' Reviżjoni għall-Ħarsien tal-Minuri.

31. (1) Għandu jitwaqqaf bord li jkun magħruf bħala l-Bord ta' Reviżjoni għall-Ħarsien tal-Minuri, li jkun magħmul minn seba' persuni maħturin mill-Ministru u li għandu jkun magħmul kif ġej:

(a) *Chairperson* li jkollu *warrant* ta' avukat u jkollu mill-inqas ħames (5) snin esperjenza professjonali fil-liġi tal-familja jew tal-minuri, jew professjonist ieħor bil-*warrant* li jkun espert fil-qasam soċjali u li jkun ħadem f'dan il-qasam għal minn tal-anqas ħames (5) snin, liema ħatra għandha tiġi komunikata lill-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali jew lil xi kumitat ieħor li jissostitwixxih sabiex tiġi diskussa mill-istess Kumitat;

(b) membru wieħed (1) li jkun psikjatra li jkollu *warrant* bħala tali, bi preferenza tingħata lill-persuni li jkollhom mill-inqas ħames (5) snin esperjenza;

(ċ) membru wieħed (1) li jkun ħaddiem soċjali reġistrat u li jkollu mill-inqas ħames (5) snin esperjenza professjonali fix-xogħol soċjali;

(d) membru wieħed (1) li jkun kwalifikat fit-terapija tal-familja, bi preferenza tingħata lill-persuni li jkollhom mill-inqas ħames snin esperjenza; u

(e) membru wieħed (1) li jkun psikologu li jkollu *warrant* bħala tali;

(f) persuna b'esperjenza professjonali f'xi qasam relatat mal-ħarsien tat-tfal li tkun nominata mill-Kummissarju għat-Tfal; u

(g) persuna li tkun reġistrata fir-reġistru għall-ispeċjalisti fil-qasam tal-pedjatrija skont l-Att dwar il-Professjonijiet tas- Kap. 464.

Saħħa.

(2) Il-membri tal-Bord ta' Reviżjoni għandhom iżommu l-kariga għal perjodu ta' erba' snin mid-data tal-ħatra u membru jista' jinħatar mill-ġdid.

(3) Membru tal-Bord ta' Reviżjoni jista' jitneħħa mill-kariga mill-Ministru jekk dak il-membru ma jkunx tajjeb biex ikompli fil-kariga jew ma jkunx kapaċi biex jaqdi, jew ma jkunx qed jaqdi b'mod xieraq, id-dmirijiet tiegħu bħala membru.

(4) Il-ħatra ta' xi persuna bħala membru tal-Bord ta' Reviżjoni u t-terminazzjoni tal-ħatra jew ir-riżenja ta' dik il-persuna, kif ukoll kull funzjoni addizzjonali oħra mogħtija lill-Bord ta' Reviżjoni mill-Ministru, għandha tkun notifikata fil-Gazzetta, u għandha tiġi fis-seħħ minnufih:

Iżda n-nuqqas li jiġu ppubblikati l-ħatra jew it-terminazzjoni, skont il-każ, m'għandhomx jippreġudikaw il-validità ta' dik il-ħatra jew it-terminazzjoni.

(5) F'kull każ, l-għadd ta' membri preżenti meħtieġ biex ikun hemm quorum ikun ta' ħamsa u d-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza sempliċi.

Funzjonijiet u setgħat tal-Bord ta' Reviżjoni.

32. (1) Il-Bord ta' Reviżjoni għandu jkollu dawk il-funzjonijiet u s-setgħat kif mogħtija lilu taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra, jew kif preskritt minn żmien għal żmien mill-Ministru permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

(2) Bla ħsara għas-setgħat u funzjonijiet maħluqa taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra, is-setgħat u l-funzjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni għandhom jinkludu dawk li:

(a) jagħmel reviżjonijiet perjodiċi tal-pjan ta' ħarsien;

(b) jeżamina rapporti bil-miktub mill-ħaddiem soċjali ewlieni;

(ċ) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Qorti dwar is-sitwazzjoni tal-minuri u tal-familja tiegħu, inkluż tal-kapaċità attwali u potenzjali tal-familja li tieħu ħsieb lill-minuri, sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi, fl-aħjar interessi tal-minuri, jekk l-integrazzjoni mill-ġdid tal-minuri fil-familja tiegħu tkunx possibbli jew le;

(d) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Qorti fuq l-bżonn ta' ordni għall-protezzjoni tal-minuri, kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien;

(e) jagħmel rakkomandazzjonijiet għat-tibdil tal-pjan ta' ħarsien fejn u meta jqis li hemm bżonn;

(f) f'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il-ħarsien tal-minuri fuq ħwejjeġ ta' importanza partikolari, jieħu deċiżjonijiet li jqis li huma fl-aħjar interessi tal-minuri, wara li jagħti raġunijiet għal dan; u

(g) jiżgura li l-aħjar interessi tal-minuri jkunu qegħdin jiġu mħarsa mill-persuni kollha involuti fil-ħarsien tal-minuri.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u għal dawk ir-regolamenti li jistgħu jsiru taħt dan l-Att, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu:

Iżda meta jkun hemm il-ħtieġa li jinstema' minuri l-bord għandu jiltaqa' fil-postijiet stabbiliti skont l-artikolu 15.

(4) Bla ħsara għal kull liġi oħra, bil-għan li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att il-Bord ta' Reviżjoni għandu jkollu s-setgħa ta' aċċess għal kull dokumentazzjoni rilevanti għall-każ u li jitlob l-għajnuna ta' kull persuna, u dan kull meta l-Bord ta' Reviżjoni jqis li dan jista' jgħin fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu.

Reviżjonijiet.

33. (1) L-ewwel reviżjoni tal-pjan ta' ħarsien għandha ssir quddiem il-Bord ta' Reviżjoni mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data tal-ordni għall-protezzjoni tal-minuri, u kull reviżjoni sussegwenti għandha ssir mill-inqas darba kull sitt xhur:

Iżda l-ħaddiem soċjali ewlieni jew it-tutur u, jew kuratur tal-minuri, skont il-każ, jista' jressaq talba b'urġenza lill-Bord ta' Reviżjoni sabiex jirrevedi l-każ qabel jagħlaq il-perjodu ta' sitt (6) xhur u dan minħabba li l-minuri ikun qed isofri, jew qiegħed f'periklu li jsofri, ħsara sinifikanti fit-tqegħid taħt ħarsien jew bħala riżultat tal-pjan ta' ħarsien:

Iżda wkoll, f'kull każ, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jappunta t-talba għas-smigħ mhux aktar tard minn ħamest ijiem utili mill-preżentata tat-talba, u għandu, wara li jisma' l-partijiet involuti, jagħti d-deċiżjoni fuq it-talba b'urġenza.

(2) Il-ħaddiem soċjali ewlieni għandu, matul l-ewwel reviżjoni, jippreżenta lill-Bord ta' Reviżjoni pjan konkorrenti għall-minuri. L-imsemmi pjan għandu fl-istess waqt ifisser il-ħtiġijiet li l-ġenituri għandhom jissodisfaw għall-integrazzjoni mill-ġdid jew għall-unifikazzjoni mill-ġdid tal-minuri ma' dawk il-ġenituri, u jistabbilixxi wkoll pjan alternattiv ta' permanenza:

Iżda l-ħaddiem soċjali ewlieni għandu jagħmel kull sforz

raġonevoli sabiex il-minuri jkun integrat mill-ġdid jew unifikat mill-ġdid mal-ġenituri u għandu dejjem jagħmel dan skont l-aħjar interessi tal-minuri.

(3) Il-Bord ta' Reviżjoni għandu fil-ġurnata appuntata għal kull reviżjoni tal-każ, jisma' lill-ġenituri tal-minuri, lill-ħaddiem soċjali ewlieni, lill-*carer* alternattiv u, jekk applikabbli, lit-tutur u, jew kuratur, biex jiddetermina jekk ikunx qiegħed isir progress skont il-pjan ta' ħarsien:

Iżda l-Bord ta' Reviżjoni jista', kull meta jqis li hu fl-aħjar interessi tal-minuri li hekk jagħmel, jew kull meta l-minuri jesprimi xewqa mal-ħaddiem soċjali ewlieni jew kull persuna oħra li għandha kuntatt mal-minuri li jinstema' mill-Bord ta' Reviżjoni, jisma' lil dak il-minuri u, għal dan il-għan, jista' wkoll jistabbilixxi jum u ħin li jkun differenti mill-jum u l-ħin appuntat għar-reviżjoni.

(4) Għall-qadi tal-funzjonijiet tiegħu l-Bord ta' Reviżjoni jista' wkoll jikkonsulta ma' dawk il-professjonisti, jew persuni oħra, li jidhirlu xieraq u għal dan il-għan jista' wkoll jistieden lil dawk il-professjonisti, jew persuni oħra, biex jattendu kif indikat lilhom għal-laqgħat tal-Bord ta' Reviżjoni.

(5) Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni tista' tkun jew li kien hemm progress biżżejjed sabiex jiġġustifika r-revoka ta' xi ordni għall-protezzjoni jew li ma jkunx hemm dak il-progress:

Iżda fil-każ li jkun hemm dak il-progress, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-Qorti sabiex din tkun tista' tordna dik ir-revoka jew le wara li tisma' lill-partijiet interessati.

(6) Meta l-Bord ta' Reviżjoni jiddeċiedi li ma kienx hemm progress biżżejjed sabiex jiġġustifika r-revoka ta' xi ordni għall-protezzjoni, u jkunu għaddew sentejn mid-data li fiha jkun ġie ppreżentat lill-Bord ta' Reviżjoni l-pjan konkorrenti mill-ħaddiem soċjali ewlieni, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jgħaddi biex jiddeċiedi jekk ikun hemm jew ma jkunx hemm prospetti raġonevoli għall-integrazzjoni mill-ġdid jew l-unifikazzjoni mill-ġdid tal-minuri mal-ġenituri.

(7) F'każ li l-Bord ta' Reviżjoni jiddeċiedi li jkun hemm prospetti raġonevoli kif meħtieġ mis-subartikolu (6), huwa għandu jkompli bir-reviżjonijiet perjodiċi, bla ħsara għal xi varjazzjonijiet għall-pjan ta' ħarsien li jqis li jkunu meħtieġa fiċ-ċirkostanzi tal-każ:

Iżda f'każ li l-Bord ta' Reviżjoni jiddeċiedi li ma jkunx hemm prospetti raġonevoli kif meħtieġ mis-subartikolu (6), huwa jista' jirrakkomanda lill-Qorti li l-pjan permanenti alternattiv għandu jibda

jseħħ:

Iżda wkoll, il-Bord ta' Reviżjoni jista' jirrakkomanda lill-Qorti li l-pjan permanenti alternattiv għandu jibda jseħħ f'kull żmien li fih il-minuri ikun taħt ordni ta' ħarsien meta dan ikun meqjus li hu fl-aħjar interess tal-minuri li dan isir:

Iżda wkoll, meta jkun fl-aħjar interess tal-minuri li l-pjan permanenti alternattiv jibda jseħħ minnufih wara li jkunu saru l-ordnijiet imsemmija fil-*proviso* ta' qabel dan, ir-rakkomandazzjoni f'dak is-sens għandha ssir mid-Direttur (Protezzjoni Minuri).

(8) Qabel tgħaddi għas-sentenza finali, il-Qorti għandha tisma' l-fehmiet ta' kull persuna li tqis rilevanti, u b'mod partikolari l-fehmiet tal-minuri, jekk meqjus li jkollu fehim biżżejjed.

(9) Il-ħaddiem soċjali ewlieni, il-ġenituri tal-minuri, jew jekk applikabbli, it-tutur u, jew kuratur, jistgħu, fi żmien ħamest ijiem utili mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni li ma kienx hemm progress biżżejjed li jiġġustifika rakkomandazzjoni lill-Qorti għar-revoka ta' xi ordni, jitlob lill-Qorti għar-reviżjoni tad-deċiżjoni tal-bord:

Iżda, mingħajr preġudizzju għal miżuri oħra li joħorġu mid-dispożizzjonijiet ta' din jew xi liġi oħra, meta jidher ċar li t-talba għal din ir-reviżjoni hija frivola jew vessatorja, il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent iħallas l-ispejjeż u jħallas penali ta' mhux anqas minn mitejn u ħamsin euro (€250) iżda mhux iktar minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500):

Iżda wkoll meta l-Qorti tikkonferma li ma jeżistux raġunijiet biżżejjed sabiex tkun revokata xi ordni għall-protezzjoni tal-minuri, kull talba sussegwenti għar-reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni għandha titħalla biss wara l-għeluq ta' tnax-il xahar mid-data li fiha d-deċiżjoni tkun magħmula:

Iżda wkoll l-ebda talba, jew talbiet ulterjuri, m'għandha tiġi milqugħa mill-Qorti wara li jkun sar digriet li pjan ta' permanenza alternattiv ikun fl-aħjar interess tal-minuri, ħlief jekk il-Qorti tqis li ċ-ċirkostanzi huma eċċezzjonali.

(10) Kull rakkomandazzjoni skont dan l-artikolu għandha ssir permezz ta' nota lill-Qorti.

Varjazzjonijiet fil-pjan ta' ħarsien.

34. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22 meta l-ħaddiem soċjali ewlieni, il-ġenituri tal-minuri, il-*carer* alternattiv jew, jekk applikabbli, it-tutur u, jew kuratur, jitolbu varjazzjoni fil-pjan ta' ħarsien, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jiddeċiedi dwar il-ħtieġa jew xort'oħra li hekk jagħmel.

(2) Il-Bord ta' Reviżjoni għandu, wara li jisma' l-persuni kollha involuti, jiddeċiedi dwar il-mod kif il-pjan ta' ħarsien għandu jkun varjat u għandu jordna lill-ħaddiem soċjali ewlieni biex jagħmel il-varjazzjonijiet stabbiliti mill-bord għall-pjan ta' ħarsien.

(3) Meta l-Bord ta' Reviżjoni jiddeċiedi li varjazzjoni fil-pjan ta' ħarsien hija meħtieġa huwa għandu jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu f'rapport li jagħmel parti minn dik id-deċiżjoni.

Integrazzjoni mill-ġdid.

35. (1) Għall-għanijiet tal-artikolu 22(4), il-Bord ta' Reviżjoni għandu, bi ftehim mal-ħaddiem soċjali ewlieni, il-ġenituri tal-minuri, il-*carer* alternattiv u, jekk applikabbli, it-tutur u, jew kuratur, jindika bil-miktub l-għanijiet tal-integrazzjoni mill-ġdid u l-metodu li bih il-minuri għandu jkun integrat mill-ġdid mal-familja tiegħu

(2) Meta l-Bord ta' Reviżjoni jiddeċiedi li l-għanijiet tal-pjan ta' integrazzjoni mill-ġdid ikunu milħuqa huwa għandu jippreżenta nota f'dak is-sens fl-atti tal-każ u jibgħat l-atti lill-Qorti, li għandha tagħti deċiżjoni fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Reviżjoni.

(3) Il-Qorti għandha tirrevoka l-ordni għall-protezzjoni jekk meta tirċievi l-atti msemmija fis-subartikolu preċedenti hi tkun sodisfatta li l-għanijiet ikunu seħħew, bla ħsara għal dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq li timponi:

Iżda l-Qorti tista', qabel tipproċedi biex tagħmel dik ir-revoka, tisma' lil kull persuna li hija tista' tqis li jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ:

Iżda wkoll il-Qorti għandha f'kull każ tisma' lill-minuri jekk meqjus li jkollu fehim biżżejjed.

(4) Fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti tista' tordna l-integrazzjoni mill-ġdid tal-minuri mal-ġenituri filwaqt li żżomm fis-seħħ l-ordni għall-protezzjoni għal perjodu li jidhrilha xieraq.

TAQSIMA II

FUQ IL-ĦARSIEN ALTERNATTIV

TITOLU I

FUQ ID-DIRETTUR RESPONSABBLI GĦALL-ĠID TAL-MINURI F'ĦARSIEN ALTERNATTIV

Direttur responsabbli għall-ġid tal-minuri f'ħarsien alternattiv.

36. (1) Għandu jkun hemm Direttur responsabbli sabiex jippromwovi l-iżvilupp u l-ġid tal-minuri f'ħarsien alternattiv, magħruf bħala Direttur (Ħarsien Alternattiv), liema Direttur għandu jinħatar wara sejħa pubblika u minn fost persuni li għandhom minimu ta' ħames snin esperjenza relatati ma' servizzi lill-minuri u li jkollhom ukoll kompetenzi maniġerjali.

(2) Id-Direttur (Ħarsien Alternattiv) għandu jkun uffiċjal tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali u għandu jaqdi l-funzjonijiet tiegħu minn ħdanha:

Iżda d-Direttur (Ħarsien Alternattiv) għandu dejjem jaġixxi b'mod imparzjali fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu.

(3) Għandu jkun hemm ukoll uffiċjali oħra li jeżerċitaw u jesegwixxu dawk is-setgħat, funzjonijiet u responsabbilitajiet kollha delegati jew mogħtija lilhom mid-Direttur (Ħarsien Alternattiv).

(4) Fl-eżerċizzju u fl-eżekuzzjoni tas-setgħat, funzjonijiet u responsabbilitajiet kollha delegati jew mogħtija lilhom kif intqal qabel, l-uffiċjali għandhom, sakemm ma jkunx jidher xort'oħra, ikollhom dawk l-istess setgħat, funzjonijiet u responsabbiltajiet li l-liġi timponi fuq jew tagħti lid-Direttur (Ħarsien Alternattiv).

(5) Fl-eżerċizzju u fl-eżekuzzjoni tas-setgħat, funzjonijiet u responsabbilitajiet tagħhom, id-Direttur (Ħarsien Alternattiv) u l-uffiċjali msemmija fis-subartikolu (3) jistgħu jitolbu l-assistenza tal-Pulizija Eżekuttiva skont l-Att dwar il-Pulizija, kull meta jqisu li jkun hekk meħtieġ.

(6) Bla ħsara għal kull funzjoni oħra li jistgħu jkunu mogħtija lid-Direttur (Ħarsien Alternattiv) taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra, id-Direttur (Ħarsien Alternattiv) għandu jaqdi dawk il-funzjonijiet u jwettaq dawk id-dmirijiet li l-Ministru jista' jippreskrivi minn żmien għal żmien b'regolamenti taħt dan l-artikolu.

(7) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tad-Direttur (Ħarsien Alternattiv) tkun vestita fid-Direttur (Ħarsien Alternattiv), li jkun jista' jiddelega uffiċjali oħra sabiex jeżerċitaw dik ir-rappreżentanza.

(8) Meta ċ-ċirkostanzi ta' każ speċifiku jeħtieġu dan, is-setgħat kollha mogħtija lid-Direttur (Ħarsien Alternattiv) taħt dan l-Att ikunu jistgħu jiġu eżerċitati mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali u l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jkun jista' wkoll jillimita l-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat mid-Direttur (Ħarsien Alternattiv).

TITOLU II

FUQ L-AWTORITÀ TA' *STANDARDS* TA' ĦARSIEN SOĊJALI

Responsabbiltajiet tal-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali. Kap. 582.

37. Bla ħsara għall-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet stabbiliti fl-Att dwar l-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali jew f'xi liġi oħra, l-Awtorità għandha, għall-għanijiet ta' dan l-Att, ikollha r-responsabbiltà li:

(a) tirċievi u tinforma li rċeviet applikazzjonijiet għal liċenzja biex jitwaqqaf, ikun operat u miżmum servizz ta' ħarsien residenzjali għall-minuri;

(b) tagħti jew tirrifjuta xi applikazzjoni għal-liċenzja, jew li tirrevoka jew tissospendi l-liċenzja ta' xi fornitur ta' servizz ta' ħarsien residenzjali għall-minuri;

(ċ) tirċievi, tinforma li rċeviet, tinvestiga u tieħu kull azzjoni meħtieġa dwar kull ilment kontra l-Aġenzija, jew kontra xi aġenzija li tippretendi li tkun qed taġixxi bħala tali, jew kontra xi fornitur ta' servizz ta' ħarsien residenzjali għall-minuri;

(d) timponi dawk il-kundizzjonijiet għal-liċenzjar li tista', minn żmien għal żmien, permezz ta' regolamenti, tiddeċiedi li huma meħtieġa;

(e) tieħu kull miżura li tqis xierqa fiċ-ċirkostanzi jekk xi tqegħid, kemm lokali kemm transkonfini, ikun jikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(f) issegwi u tispezzjona s-servizzi ta' sostenn offruti mill-Aġenzija lill-minuri u lill-*carers* alternattivi;

(g) tispezzjona dawk il-postijiet fejn ikun qed jinżamm il-minuri, jew xi postijiet oħra fejn qed jiġi propost li jinżamm dak il-minuri; u

(h) issegwi u tispezzjona s-servizzi offruti mill-*carers* residenzjali lill-minuri li qegħdin taħt il-kura tagħhom.

TITOLU III

FUQ IL-BORD GĦALL-*FOSTERING*

Twaqqif tal-Bord għall-*Fostering*.

38. (1) Għandu jkun hemm bord, magħruf bħala l-Bord għall-*Fostering*, maħtur mill-Ministru, li jkun magħmul minn seba' membri kif ġej:

(a) *Chairperson* li għandu jkollu mill-inqas ħames snin esperjenza professjonali fil-prattika tal-*foster care*;

(b) żewġ persuni li jkollhom mill-inqas erba' snin esperjenza professjonali fil-qasam soċjali;

(ċ) persuna waħda li hi, jew kienet, *foster carer* għal perjodu ta' mill-anqas tliet snin;

(d) persuna waħda li hija ħaddiema soċjali bi tliet snin esperjenza fil-qasam tal-*foster care*;

(e) persuna waħda li tkun psikologu bil-*warrant*; u

(f) persuna li hija adulta li għamlet minn tal-inqas tliet snin tgħix fil-*foster care*.

(2) Il-membri msemmija fis-subartikolu ta' qabel dan jistgħu jinħatru f'kull żmien waqt li l-Bord għall-*Fostering* ikun kostitwit.

(3) Il-membri tal-Bord għall-*Fostering* għandhom jinħatru mill-Ministru għal perjodu ta' erba' (4) snin u għandhom ikunu eliġibbli għall-ħatra mill-ġdid bħala membri wara l-iskadenza tat-terminu tal-kariga tagħhom.

(4) Kull membru tal-Bord għall-*Fostering* jista' jitneħħa mill-Ministru jekk dak il-membru ma jibqax idoneu biex ikompli f'dik il-kariga jew ikun sar inkapaċi jwettaq id-doveri tiegħu bħala membru.

(5) Fil-każ li xi membru tal-Bord għall-*Fostering* jirriżenja jew xort'oħra jħalli l-kariga tiegħu qabel ma jiskadilu t-terminu tal-ħatra, il-membru maħtur minfloku għandu jinħatar għaż-żmien tal-ħatra oriġinali li jkun għadu ma skadiex.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament li jsir taħtu, il-Bord għall-*Fostering* għandu jirregola l-proċedura tiegħu.

(7) F'kull każ, l-għadd ta' membri preżenti meħtieġ biex ikun hemm *quorum* ikun ta' ħamsa u d-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza

sempliċi.

(8) Iċ-*Chairperson* ikollu kemm vot oriġinali u, fil-każ ta' voti ndaqs, vot deċiżiv.

(9) Il-Ministru għandu jaħtar persuna biex taġixxi bħala Segretarju tal-Bord għall-*Fostering* u dik il-persuna għandha, bħala parti minn dmirijietha, tkun responsabbli biex iżżomm id-dokumenti rilevanti u għandha tagħmel kull xogħol ieħor relatat mal-funzjonijiet tal-Bord għall-*Fostering* skont kif tista' tkun imqabbda miċ-*Chairperson*:

Iżda s-Segretarju tal-bord ma jkollux vot.

(10) Il-Bord għall-*Fostering* għandu jiltaqa' kif u meta jkun meħtieġ, iżda mhux inqas minn darba fix-xahar:

Iżda fil-każ ta' talba bil-miktub mill-Ministru jew mill-Aġenzija, liema talba għandha tingħadda lis-Segretarju tal-bord, dan il-bord għandu jiltaqa' mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa wara t-talba.

(11) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont dan l-Att il-Bord għall-*Fostering* jista' jikkonsulta professjonisti jew persuni oħrajn kif jidhirlu li jkun xieraq. Għal dan il-għan, il-Bord għall-*Fostering* jista' jistieden lil kull professjonist jew persuni bħal dawk biex jattendu għal-laqgħat tal-bord.

(12) L-atti u d-dokumenti tal-Bord għall-*Fostering*, u l-kontenuti tagħhom, ma jistgħux jintwerew u ma huma aċċessibbli għal ħadd, u lanqas ma jistgħu jingħataw kopji tagħhom ħlief lill-partijiet ikkonċernati jew lill-avukat jew prokuratur legali li jista' jkun awtorizzat mill-istess partijiet.

(13) Il-Bord għall-*Fostering* għandu darbtejn fis-sena jibgħat lill-Ministru rapporti tal-attivitajiet kollha tiegħu tul is-sitt xhur kalendarji preċedenti, sa mhux aktar tard mill-ewwel ħmistax-il jum tax-xahar ta' wara skont il-kalendarju.

Funzjonijiet tal-Bord għall-*Fostering*.

39. (1) Il-funzjonijiet tal-Bord għall-*Fostering* għandhom jinkludu li:

(a) jieħu deċiżjoni dwar jekk il-*foster carers* prospettivi humiex adatti jew le li jkunu *foster carers* skont ir-rakkomandazzjonijiet indikati fir-rapport imħejji mill-ħaddiem soċjali għal dan il-għan u skont l-artikolu 49(1)(ċ), hawn aktar 'l isfel imsejjaħ *Home Study Report*;

(b) jieħu deċiżjoni dwar jekk *foster carer* ikunx għadu

adatt biex jaġixxi bħala tali;

(ċ) jispeċifika liema xorta ta' *foster care* tkun tista' tingħata minn kull *foster carer*;

(d) iżomm reġistru aġġornat ta' *foster carers*;

(e) jipprovdi dokumentazzjoni uffiċjali lill-*foster carers* li tidentifikahom bħala tali u ittra awtentika li tidentifika l-minuri fil-kura tagħhom;

(f) jeżamina rapporti preparati mill-Aġenzija, wara lment fil-konfront ta' *foster carer*, u li jieħu kull azzjoni li titqies xierqa fiċ-ċirkostanzi; u

(g) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru għall-implimentazzjoni aktar effettiva tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament li jsir taħtu.

(2) Il-Bord għall-*Fostering* għandu jkollu aċċess għad-dokumentazzjoni kollha meqjusa rilevanti għall-proċedura tal-*foster care* u ħadd ma għandu jfixkel lill-bord fil-qadi ta' xi waħda mill-funzjonijiet tiegħu.

Deċiżjonijiet tal-Bord għall-*Fostering*.

40. (1) Waqt li jkun qed jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt l-artikolu 39(1)(a), (b), (ċ) u (f), il-Bord għall-*Fostering* għandu jqis il-*Home Study Reports* u r-*Review Reports* magħmula skont l-artikolu 52 u mgħoddija lilu minn ħaddiem soċjali tal-Aġenzija u kull dokumentazzjoni oħra kif il-bord jista' jqis xieraq.

(2) Il-Bord għall-*Fostering* għandu wkoll jisma' lill-*foster carer* prospettiv, jew lill-*foster carer*, skont il-każ, lill-minuri jekk meqjus li jkollu fehim biżżejjed, u kull persuna oħra li l-bord jista' jidhirlu li jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

(3) Għal kull deċiżjoni jew azzjoni meħuda skont is-subartikoli (1) u (2), għandhom jingħataw ir-raġunijiet għaliha bil-miktub u għandhom jiġu notifikati lill-*foster carer* prospettiv jew lill-*foster carer*, skont il-każ, u lid-Direttur (Ħarsien Alternattiv).

(4) In-notifika msemmija fis-subartikolu preċedenti għandha ssir bil-posta reġistrata fi żmien ħamest ijiem utili mid-data tad-deċiżjoni.

(5) Il-Bord għall-*Fostering* għandu jiddeċiedi dwar kull talba mresqa lilu skont dan l-Att mhux iktar tard minn sitt ġimgħat mid-data meta tkun saret it-talba, ħlief jekk skont l-opinjoni tal-bord ikun meħtieġ terminu itwal għal raġuni valida li għandha tingħad u tkun reġistrata fl-atti tal-każ.

(6) Il-*foster carer* jew il-*foster carer* prospettiv, skont il-każ, jista' jappella minn kull deċiżjoni mogħtija mill-Bord għall-*Fostering* taħt dan l-Att billi jippreżenta rikors lill-Bord tal-Appell mhux iktar tard minn ħamest ijiem utili mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni b'posta reġistrata.

TITOLU IV

FUQ L-AWTORITÀ ĊENTRALI DWAR IL-*FOSTERING*

Awtorità Ċentrali dwar il-*fostering*.

41. Għandu jkun hemm Awtorità Ċentrali dwar il-*fostering* li tkun dik l-entità li mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att kienet responsabbli għat-twettiq tal-funzjonijiet miġjuba fl-artikolu 42 u, jew b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:

Iżda, minn żmien għal żmien, il-Ministru jista' jikkonferma dik l-entità jew jidentifika entità oħra bħala l-Awtorità Ċentrali permezz ta' regolamenti u b'dawk l-istess regolamenti l-Ministru jkun jista' jassenjalha funzjonijiet u responsabbiltajiet b'żieda ma' dak miġjub f'dan l-Att fir-rigward tal-Awtorità Ċentrali.

Funzjonijiet tal-Awtorità Ċentrali dwar il-*fostering*.

42. Il-funzjonijiet tal-Awtorità Ċentrali għandhom jinkludu li:

(a) tirċievi u tinforma li rċeviet applikazzjonijiet għal akkreditament;

(b) tagħti, tirrifjuta, tissospendi jew tirrevoka l-akkreditament ta' aġenziji skont kriterji stabbiliti;

(ċ) tirċievi, tinforma li rċeviet, tinvestiga u tieħu kull azzjoni neċessarja dwar kull ilment kontra aġenziji akkreditati jew organizzazzjonijiet li jippretendu li jkunu qegħdin jaġixxu bħala tali;

(d) tirċievi talbiet minn persuni barranin li huma approvati bħala *foster carers* barra minn Malta jew minn aġenziji akkreditati, liema talbiet għandhom jiġi referuti lill-Aġenzija u l-Aġenzija biss għandha tagħmel l-istħarriġ kollu neċessarju meta jsirulha dawk ir-referenzi; u

(e) tirċievi applikazzjonijiet minn aġenziji li jkunu jixtiequ jipprovdu *foster care* transkonfini u tiddeċiedi jekk tippermettix li dawn l-aġenziji jqiegħdu minuri f'*foster care*.

Applikazzjoni għall-għoti ta' akkreditament.

43. (1) Kull aġenzija tista' tapplika mal-Awtorità Ċentrali għal akkreditament, fil-forma approvata u mogħtija minn dik l-awtorità, biex tkun tista' tagħti servizzi ta' *foster care*.

(2) L-Awtorità Ċentrali tista', f'kull żmien waqt l-ipproċessar ta'

applikazzjoni, titlob li aġenzija tagħtiha dokumenti u informazzjoni meqjusin neċessarji biex taċċerta jekk għandhiex tingħata akkreditament.

Akkreditament ta' aġenzija.

44. (1) L-Awtorità Ċentrali tista' takkredita aġenzija jekk tkun sodisfatta li l-aġenzija:

(a) għandha fi ħdanha professjonisti b'esperjenza u kapaċità biżżejjed biex tittratta materji li għandhom x'jaqsmu ma' minuri u familja;

(b) għandha għadd biżżejjed ta' nies li huma mħarrġa biex jagħtu servizzi ta' *foster care*; u

(ċ) għandha l-kompetenza amministrattiva u legali biex taqdi l-funzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-servizzi ta' *foster care*.

(2) Għal kull organizzazzjoni akkreditata mill-Awtorità Ċentrali skont dan l-artikolu għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għalihom id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 55(2) u 56 sa 59:

Iżda d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 56(ċ) u 58(1)(ċ) ma għandhomx japplikaw għall-aġenziji akkreditati skont dan l-artikolu.

(3) Aġenzija akkreditata tkun fl-obbligu tipprovdi dik l-informazzjoni fil-pussess tagħha, inkluż dwar *foster carers* jew *foster carers* prospettivi, li tkun mitluba mill-Aġenzija bil-għan li l-Aġenzija taqdi xi waħda mill-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att.

(4) B'żieda mar-rekwiżiti miġjuba fis-subartikolu preċedenti, il-Ministru jista' jippreskrivi rekwiżiti oħra permezz ta' regolamenti magħmulin għal dak il-għan jew li jistgħu xort'oħra jkunu magħmulin taħt dan l-Att.

Ċertifikat ta' akkreditament.

45. (1) Meta tagħti akkreditament lil aġenzija l-Awtorità Ċentrali għandha toħroġ Ċertifikat ta' Akkreditament li jkun validu għal perijodu ta' sentejn mid-data tal-ħruġ.

(2) Iċ-ċertifikat imsemmi fis-subartikolu (1) jista' jiġi mġedded mill-Awtorità Ċentrali jekk l-aġenzija akkreditata tapplika għal tiġdid sa mhux aktar tard minn xahrejn qabel ma jiskadi l-akkreditament tagħha u t-tiġdid jingħata biss jekk l-aġenzija akkreditata tkun għadha konformi mal-artikoli 43 u 44.

(3) Id-deċiżjoni tal-Awtorità Ċentrali dwar jekk iċ-ċertifikat tal-akkreditament għandux jiġi mġedded għandha tiġi notifikata bil-posta reġistrata lill-aġenzija akkreditata fi żmien tliet xhur mid-data tal-applikazzjoni għat-tiġdid.

Ċaħda ta' akkreditament.

46. (1) L-Awtorità Ċentrali għandha d-dritt li tiċħad applikazzjoni għal akkreditament jew tiġdid tagħha jekk hi tqis li l-aġenzija mhix adatta biex tagħti servizzi ta' *foster care*.

(2) Ċaħda skont is-subartikolu (1), flimkien mar-raġunijiet għaliha, għandha tingħata bil-miktub lill-aġenzija applikanta fi żmien tliet xhur mid-data tal-applikazzjoni.

(3) L-aġenzija jew l-aġenzija akkreditata, kif applikabbli, għandha d-dritt titlob bidla tad-deċiżjoni tal-Awtorità Ċentrali b'rikors quddiem il-Bord ta' Appell, preżentat fi żmien għoxrin ġurnata mid-data meta tiġi notifikata kif speċifikat fis-subartikolu (2).

(4) L-aġenzija għandha d-dritt tapplika mill-ġdid lill-Awtorità Ċentrali għal akkreditament jekk ir-raġuni għaċ-ċaħda ma tkunx għadha teżisti.

Revoka ta' akkreditament.

47. (1) L-Awtorità Ċentrali għandha d-dritt tirrevoka l-akkreditament ta' aġenzija f'kull waqt jekk l-aġenzija:

(a) tressaq talba bil-miktub għar-revoka;

(b) ma tibqax konformi mal-kriterji ta' eliġibilità għal akkreditament;

(ċ) ma tibqax titqies adatta biex tipprovdi servizzi ta' *foster care*;

(d) tkun qiegħda tikser il-kondizzjonijiet għal akkreditament skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu.

(2) L-Awtorità Ċentrali għandha tinnotifika lill-aġenzija bir-revoka, liema notifika tingħata bil-miktub flimkien mar-raġunijiet għaliha u din ir-revoka għandha tidħol fis-seħħ fid-data tan-notifika.

(3) Jekk l-akkreditament ikun revokat għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fis-subartikolu (1)(b), (ċ) jew (d), l-aġenzija tista' titlob it-tħassir tad-deċiżjoni tal-Awtorità Ċentrali b'rikors quddiem il-Bord ta' Appell, u dan fi żmien għaxart ijiem min-notifika skont is-subartikolu (2).

(4) Jekk l-akkreditament ta' aġenzija jkun revokat, iċ-Ċertifikat ta' Akkreditament u d-dokumenti kollha relatati mas-servizzi ta' *foster care* isiru proprjetà tal-Awtorità Ċentrali:

Iżda l-Awtorità Ċentrali tista' taħtar aġenzija akkreditata oħra biex ikollha l-kustodja ta' dawk id-dokumenti, tkompli ssegwi l-*foster*

carers prospettivi u l-*foster carers*, tkompli tieħu ħsieb u ssegwi t-tqegħid tat-tfal f'*foster care*, u taqdi l-funzjonijiet kollha li kellha l-aġenzija li jkun ġie revokat l-akkreditament tagħha skont dan l-artikolu.

Pubblikazzjoni fil-Gazzetta.

48. (1) Tul ix-xahar ta' Jannar ta' kull sena, l-Awtorità Ċentrali għandha tippubblika fil-Gazzetta:

(a) lista tal-aġenziji akkreditati kollha u tispeċifika l-isem sħiħ tagħhom, l-indirizz reġistrat u dettalji rilevanti oħra biex ikun jista' jsir kuntatt magħhom; u

(b) lista ta' aġenziji akkreditati li kellhom l-akkreditament tagħhom revokat tul is-sena kalendarja ta' qabel.

(2) L-Awtorità Ċentrali għandha tippubblika fil-Gazzetta kull bidla fil-kondizzjonijiet meħtieġa għall-akkreditament jew għat-tiġdid kull meta twettaq dik il-bidla u dawk it-tibdiliet jidħlu fis-seħħ mid-data ta' dik il-pubblikazzjoni.

TITOLU V

Sub-titolu I

FUQ IL-*FOSTER CARE*

Evalwazzjoni ta' *foster carers* prospettivi.

49. (1) Kif tirċievi applikazzjoni mingħand *foster carer* prospettiv, l-Aġenzija għandha:

(a) tħarreġ lill-*foster carer* prospettiv;

(b) tqis jekk il-*foster carer* prospettiv ikunx adatt;

(ċ) tħejji rapport fuq is-sitwazzjoni tal-*foster carer* prospettiv li għandu jinkludi kull rakkomandazzjoni opportuna, liema rapport ikun jissejjaħ *Home Study Report*; u

(d) tgħaddi l-*Home Study Report* lill-Bord għall-*Fostering*.

(2) Għall-għanijiet tat-tħejjija tal-*Home Study Report*, il-ħaddiem soċjali awtorizzat mill-Aġenzija għandu jagħmel iż-żjarat meħtieġa fir-residenza ordinarja tal-*foster carer* prospettiv.

(3) Iż-żjarat imsemmija fis-subartikolu preċedenti jistgħu jsiru bla avviż u *foster carer* prospettiv għandu jikkopera mal-ħaddiem soċjali u għandu jagħti informazzjoni korretta sa fejn ikun jaf hu, u ma jistax jiċħad lil ħaddiem soċjali milli jidħol fir-residenza ordinarja tiegħu.

(4) Bla ħsara għal xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, il-*Home Study Report* għandu jinkludi fih dan li ġej:

(a) ċertifikat ta' kondotta maħruġ mill-Kummissarju tal-Pulizija;

(b) rapport magħmul minn tabib reġistrat dwar l-istat ta' saħħa tal-*foster carer* prospettiv;

(ċ) reġistru tal-laqgħat li jkunu saru mill-ħaddiem soċjali mal-familja;

(d) rakkomandazzjoni mill-ħaddiem soċjali dwar jekk il-*foster carer* prospettiv ikunx adatt jew xort'oħra, u r-raġunijiet għaliha; u

(e) kull informazzjoni oħra kif il-Bord għall-*Fostering* jista' raġonevolment jeħtieġ.

(5) Meta ħaddiem soċjali fi stadju bikri tal-evalwazzjoni tiegħu għat-tħejjija tal-*Home Study Report* ikollu raġunijiet biżżejjed sabiex jaħseb li *foster carer* prospettiv mhux adatt, huwa għandu jippreżenta rapport preliminari lill-Bord għall-*Fostering* u jitlob direzzjoni jekk għandux ikompli bil-*Home Study Report* jew le.

(6) Meta l-Bord għall-*Fostering* jiddeċiedi li l-ħaddiem soċjali għandu jkompli bil-*Home Study Report* huwa għandu jinforma b'dan lill-ħaddiem soċjali li għandu jkompli l-evalwazzjoni tiegħu:

Iżda meta l-Bord għall-*Fostering* jaqbel mar-rapport preliminari huwa għandu jagħti deċiżjoni skont dan l-Att u jinnotifika lil dawk imsemmija fl-artikolu 40(3).

Tqabbil tal-*foster carers* mal-minuri.

50. Bil-għan li tqabbel *foster carer* ma' minuri, l-Aġenzija għandha:

(a) tqis il-bżonnijiet individwali tal-minuri;

(b) tqis il-ħiliet u l-esperjenza tal-*foster carer* biex jara l-bżonnijiet partikolari tal-minuri;

(ċ) bla ħsara għall-paragrafu (a), tagħmel kull tentattiv raġonevoli biex iżżomm l-aħwa fl-istess residenza;

(d) bla ħsara għall-paragrafu (a), tagħmel kull tentattiv raġonevoli biex iżżomm ġenitur taħt l-età ta' tmintax-il sena u l-ulied tiegħu jew tagħha fl-istess residenza;

(e) tqis ir-rapport magħmul mill-ħaddiem soċjali; u

(f) tqis jekk xi qraba tal-minuri jkunux kapaċi jieħdu ħsieb lil dak il-minuri.

51. (1) *Foster care* għandu jsir wara ftehim bil-miktub magħmul bejn l-Aġenzija u l-*foster carer*, li jista' jiġi emendat bi qbil bil-miktub bejn l-Aġenzija u l-*foster carer.* Ftehim ta' *foster care.*

(2) L-ordni ta' ħarsien, il-pjan ta' ħarsien u ftehim għal tqegħid volontarju skont l-artikolu 68, kif ukoll ir-reviżjonijiet tagħhom, għandhom ikunu annessi mal-ftehim u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala parti minn dak il-ftehim.

(3) Il-ftehim għandu jkun iffirmat mill-ħaddiem soċjali u mill-*foster carers* u kopja tiegħu, flimkien mal-parti rilevanti ta' dan l-Att li tipprovdi għad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-*foster carers* u għad-drittijiet tal-minuri fil-*foster care*, għandha tingħata lill-*foster carers*.

(4) Kopja tal-ftehim imsemmi f'dan l-artikolu tista' tingħata lill-ġenituri tal-minuri biss meta l-Aġenzija tiddeċiedi li dan ikun fl-aħjar interessi tal-minuri.

(5) Il-ftehim ta' foster care għandu jitqies li jinkludi d-dritt tal-foster carer li jsiefer mal-minuri wara li jinnotifika lill-Aġenzija u l-Aġenzija jkollha żmien tlitt ijiem utili sabiex toġġezzjona għal dak is-safar sabiex il-Bord ta' Reviżjoni jagħti direzzjoni dwar dak is-safar skont is-subartikolu (6):

Iżda n-notifika mill-*foster carer* għandha ssir fi żmien xieraq u l-*foster carer* ma għandux ikollu dritt għall-kumpens jew danni f'każ li huwa jidħol għal arranġamenti għal dak is-safar qabel ma jgħaddu t-tlitt ijiem tax-xogħol imsemmija mingħajr oġġezzjoni mill-Aġenzija, jew qabel il-Bord ta' Reviżjoni jagħti d-direzzjoni tiegħu skont is-subartikolu (6).

(6) F'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il-ftehim tal-*foster care*, kwalunkwe parti tista' titlob direzzjoni mingħand il-Bord ta' Reviżjoni.

(7) Il-kontenut tal-ftehim bejn il-*foster carer* u l-Aġenzija ma għandux jitqies bħala wieħed permanenti sakemm ma jkunx fih klawsola li tindika b'mod ċar il-kuntrarju.

(8) Il-ftehim jista' jiġi terminat mill-Aġenzija jew mill-*foster carer*, skont il-każ, għal xi waħda jew iktar mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) il-*foster carer* ma josservax il-ftehim ta' *foster care*;

(b) il-Bord għall-*Fostering* iddeċiedi li l-*foster carer* ma għadux kapaċi jipprovdi *foster care*;

(ċ) it-tqegħid fil-*foster care* ma għadux fl-aħjar interessi tal-minuri;

(d) iċ-ċirkostanzi jagħmluha diffiċli għall-*foster carer* biex ikompli jieħu ħsieb lill-minuri taħt il-ħarsien tiegħu:

Iżda l-ftehim jista' jiġi terminat biss wara li jkun ġie notifikat il-ħaddiem soċjali ewlieni bl-intenzjoni li ssir dik it-terminazzjoni u jiġi mfassal pjan ta' ħarsien alternattiv li jkun approvat mill-Bord ta' Reviżjoni.

Sorveljanza tal-*foster carer*.

52. (1) Matul it-tqegħid taħt *foster care*, l-Aġenzija għandha tinkariga ħaddiem soċjali biex jissorvelja l-*foster carer* reġistrat magħha.

(2) Il-ħaddiem soċjali għandu jagħmel *Review Report* mill-inqas darba fis-sena għall-ewwel tliet (3) snin li l-minuri jkun taħt *foster care*, u wara dawk l-ewwel tliet (3) snin, darba kull sentejn (2) biex ikun jista' jiġi determinat jekk il-*foster carer* ikunx qiegħed jaqdi l-obbligi tiegħu skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u tal-ftehim ta' *foster care*, bil-għan li jiġi deċiż jekk dan il-*carer* għandux jitħalla jkompli jieħu ħsieb il-minuri:

Iżda r-*Review Report* għandu jsir qabel ma jgħaddu s-sentejn jekk ikun hemm bżonn li l-*foster carer* jiġi evalwat qabel ma jiskadi dan il-perjodu.

(3) Għat-tħejjija tar-*Review Report* il-ħaddiem soċjali għandu jagħmel iż-żjarat meħtieġa fir-residenza.

(4) Iż-żjarat imsemmija fis-subartikolu preċedenti jistgħu jsiru bla avviż u *foster carer* prospettiv għandu jikkopera mal-ħaddiem soċjali u għandu jagħti informazzjoni korretta sa fejn ikun jaf hu, u ma jistax jiċħad lil ħaddiem soċjali milli jidħol fir-residenza.

(5) Il-ħaddiem soċjali li jagħmel iż-żjarat skont dan l-artikolu għandu d-dritt li jkun assistit minn membri tal-Pulizija Eżekuttiva f'każ li jqis li hemm riskju ta' xi xkiel fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tiegħu taħt dan l-artikolu.

Drittijiet u responsabbiltajiet tal-*foster carers*.

53 Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, mad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-*foster carers* elenkati fil-ftehim ta' *foster care* għandhom jitqiesu bħala miżjuda u inklużi, dawn li ġejjin:

(a) li jiffaċilitaw il-kuntatt bejn il-minuri u l-familja tiegħu u kull persuna oħra li l-Bord ta' Reviżjoni jista' jqis li hu meħtieġ fl-aħjar interessi tal-minuri;

(b) li jirċievu kull informazzjoni rilevanti, inkluż informazzjoni medika, dwar il-minuri li ser jitqiegħed taħt il-ħarsien tagħhom u jiżguraw li dik l-informazzjoni tinżamm kunfidenzjali;

(ċ) li jirċievu dik l-għajnuna finanzjarja li tista' tkun meħtieġa għall-ħarsien u t-trobbija tal-minuri;

(d) li jirċievu servizzi xierqa ta' appoġġ;

(e) li jikkoperaw mal-entitajiet u l-persuni kkonċernati kollha u li jagħtuhom dik l-informazzjoni li huma jistgħu jqisu li tkun meħtieġa;

(f) li jiżguraw li l-minuri jattendi għal xi trattament li l-Bord ta' Reviżjoni jista' jiddeċiedi li hu meħtieġ għall-ġid tal-minuri;

(g) li jattendu flimkien mal-minuri għar-reviżjonijiet quddiem il-Bord ta' Reviżjoni u jżommu lil dak il-bord aġġornat dwar il-progress li l-minuri ikun qed jagħmel u dwar kull ġrajja oħra sinifikanti;

(h) li jinnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Bord ta' Reviżjoni mill-inqas xahrejn qabel dwar xi tibdil fir-residenza ordinarja tagħhom;

(i) li jiżguraw li l-minuri jkun imrobbi f'ambjent li jwassal għas-sigurtà psikoloġika tiegħu, kif ukoll għall-ġid fiżiku tiegħu għas-sodisfazzjon tal-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali;

(j) li jirrispettaw u jiffaċilitaw id-dritt tal-minuri li jipprattika reliġjon tal-għażla tiegħu;

(k) li jirrapportaw kull inċident, ħarba, skartar mill-iskola, feriment, mard jew mewt minnufih kif dawn jiġru lid-Direttur (Ħarsien Residenzjali) jew lill-Bord ta' Reviżjoni;

(l) li jipparteċipaw f'taħriġ kontinwu organizzat mill-Aġenzija;

(m) li jkollhom id-dritt jiftħu kont bankarju f'isem il-minuri u li huma għandhom jamministraw bħala missier tajjeb tal-familja;

(n) li jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar il-ġenituri bijologiċi tal-minuri, wara rikors lill-Qorti, u l-Qorti tkun tista' tilqa' jew tiċħad ir-rikors wara li tqis il-każ u l-aħjar interessi tal-minuri; u

(o) li josservaw kull obbligu ieħor li jista' jkun impost fuqhom taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra.

Adozzjoni ta' minuri taħt *foster care*.

54. (1) Meta minuri jkun ilu fil-kura u kustodja ta' *foster carer* għal aktar minn ħames snin, il-*foster carer* jista' jitlob li jadotta dak il-minuri billi jippreżenta rikors quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja:

Iżda f'ċirkostanzi straordinarji u biss wara tliet (3) *Review Reports* pożittivi dwar il-*fostering* ta' dak il-minuri, il-Qorti ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja tista' tilqa' talba għall-adozzjoni tal-minuri anke jekk il-minuri ma jkunx ilu fil-kura u kustodja tal-*foster carer* għal aktar minn ħames (5) snin.

(2) Minkejja kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, m'għandhom japplikaw ebda restrizzjonijiet dwar l-età għal adozzjoni skont dan l-artikolu.

(3) Adozzjoni skont dan l-artikolu għandha tingħata bil-kundizzjoni li d-drittijiet ta' aċċess għal dak il-minuri jkunu kemm jista' jkun miftuħa għall-ġenituri bijoloġiċi u għall-aħwa b'konsangwinità, dejjem sakemm dan ikun fl-aħjar interess tal-minuri.

Sub-titolu II

FUQ L-AĠENZIJA

Funzjonijiet tal-Aġenzija.

55. (1) Bla ħsara għal xi funzjoni jew responsabbiltà oħra mogħtija lill-Aġenzija skont dan l-Att jew xi liġi oħra, l-Aġenzija taħt dan l-Att għandha:

(a) tqabbel *foster carers* ma' minuri li jkunu ser jitqiegħdu taħt *foster care* skont l-artikolu 50;

(b) tagħmel kull tentattiv raġonevoli biex tqiegħed aħwa mal-istess *foster carer* jekk dan ikun fl-aħjar interess tal-aħwa;

(ċ) tagħmel kull tentattiv raġonevoli biex tqiegħed ġenitur minorenni u l-ulied mal-istess *foster carer*;

(d) tiżgura li kull tqegħid taħt *foster care* ikun fl-aħjar interess tal-minuri;

(e) issegwi t-tqegħid kollu taħt *foster care* li jkun sar permezz tagħha u tagħti sostenn lill-*foster carers* matul it-tqegħid taħt *foster care* li jkun sar permezz tagħha;

(f) tikkunsidra u tipproponi tibdil, jekk ikun meħtieġ, għal kull ftehim ta' *foster care*;

(g) tinvestiga lmenti kontra xi *foster carer* skont il-manwal

jew proċeduri msemmija fl-artikolu 56 u tagħmel rapport u tgħaddih lill-Bord għall-*Fostering* għal kull azzjoni meħtieġa; u

(h) tinvestiga kull allegazzjoni ta' abbuż fit-tqegħid taħt *foster care*, skont il-manwal jew proċeduri msemmija fl-artikolu 56 u tagħmel rapport skont kif ikun meħtieġ lill-awtorità kompetenti.

(2) L-Aġenzija għandha jkollha wkoll il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li tipprovdi servizz skont *standards*, kriterji, proċeduri u linji gwida stabbiliti mill-Awtorità Ċentrali u skont dawk il-livelli ta' servizz stabbiliti fihom;

(b) li tirċievi u tipproċessa applikazzjonijiet minn persuni li japplikaw biex ikunu reġistrati bħala *foster carers*;

(ċ) li tipprovdi taħriġ tal-bidu lill-*foster carers* prospettivi u taħriġ kontinwu lill-*foster carers* li jkunu reġistrati magħha u tagħtihom appoġġ adegwat u kontinwu meta l-Aġenzija tkun qiegħdet minuri taħt *foster care* mal-*foster carers*;

(d) li tagħti lill-Awtorità Ċentrali aċċess għal kull dokument li għandu x'jaqsam ma' proċeduri ta' *foster care* ta' xi minuri, inklużi rapporti dwar xi *foster carer* jew *foster carer* prospettiv;

(e) li tagħti lill-Awtorità Ċentrali aċċess għall-kontijiet tagħha u għall-kontijiet verifikati minn awditur;

(f) li fl-aħħar ta' kull sena kalendarja tibgħat rapport lill-Awtorità Ċentrali dwar il-qadi tal-funzjonijiet tagħha;

(g) li tikkonforma ruħha ma' kull funzjoni oħra kif tista' tkun speċifikata mill-Awtorità Ċentrali.

(3) Bla ħsara għal xi funzjoni jew responsabbiltà oħra mogħtija lilhom skont dan l-Att jew xi liġi oħra, kull aġenzija akkreditata skont dan l-Att għandu jkollha wkoll il-funzjonijiet elenkati fis-subartikolu (2).

Policies u proċeduri tal-Aġenzija.

56. L-Aġenzija għandha tiżviluppa, taġġorna u tesegwixxi *policies*, proċeduri u manwali miktubin li jkunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-Awtorità Ċentrali, li għandhom *inter alia* jipprovdu dwar:

(a) proċeduri ta' taħriġ u evalwazzjoni;

(b) forom ta' appoġġ għal *foster carers* u għall-minuri li jkunu tqiegħdu taħt *foster care*, kemm qabel, waqt u wara t-tqegħid taħt *foster care*;

(ċ) investigazzjoni ta' lmenti kontra xi *foster carer*; u

(d) bdil fiċ-ċirkostanzi tal-*foster carers*.

Informazzjoni lill-*foster carers* prospettivi.

57. Qabel ma jibda l-proċess ta' *fostering*, l-Aġenzija għandha:

(a) tinforma lil *foster carers* prospettivi bl-objettivi, setgħat u ħidmiet tagħha;

(b) tgħaddi kopja taċ-Ċertifikat ta' Akkreditament lil *foster carers* prospettivi bħala prova tal-akkreditament tagħha; u

(ċ) tinforma lill-*foster carers* prospettivi b'kull rekwiżit legali.

Żamma ta' reġistri.

58. (1) L-Aġenzija għandha żżomm reġistru wieħed jew aktar li bħala minimu jkun fihom listi:

(a) tal-*foster carers* prospettivi reġistrati magħha;

(b) tal-*foster carers* reġistrati magħha; u

(ċ) tal-professjonisti li jkunu qed isegwu kull tqegħid taħt *foster care*.

(2) B'żieda ma' dak miġjub fis-subartikolu (1), l-Awtorità Ċentrali tista', billi tinforma bil-miktub lill-Aġenzija, tordna ż-żieda ta' informazzjoni oħra li għandha tiġi reġistrata u miżmuma fir-reġistri msemmija fis-subartikolu (1).

Taħriġ ta' ħaddiem soċjali.

59. L-Aġenzija għandha tagħmel kull sforz raġonevoli biex tiżgura li kull ħaddiem soċjali assenjat biex jaqdi funzjoni dwar proċeduri ta' *foster care* jkun imħarreġ dwarhom b'mod adegwat u jibqa' jirċievi taħriġ kontinwu.

TITOLU VI

FUQ IL-ĦARSIEN RESIDENZJALI

Ħarsien residenzjali.

60. (1) Meta t-tqegħid ta' minuri taħt *foster care* ma jkunx fl-aħjar interess tal-minuri, dak il-minuri għandu jirrisjedi f'dar għall-ħarsien residenzjali approvata skont il-liġi.

(2) Dar għall-ħarsien residenzjali għandu jkollha r-responsabbiltà li tippromwovi l-iżvilupp u l-ġid tal-minuri imqiegħed taħt il-ħarsien tagħha.

Responsabbiltajiet tad-djar għall-ħarsien residenzjali.

61. (1) Bla ħsara għal responsabbiltajiet oħra taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra, jew għar-regoli magħmula skont is-subartikolu (2) id-

djar għall-ħarsien residenzjali għandhom ikunu responsabbli biex:

(a) jiżguraw li tqegħid f'ħarsien residenzjali jsir bl-aktar mod xieraq għall-minuri;

(b) jiżguraw li l-minuri taħt il-ħarsien tagħhom jirċievi dawk id-drittijiet kollha li jappartjenu lill-minuri kollha għall-ġid tiegħu, għall-iżvilupp tiegħu u biex jintlaħqu l-aspirazzjonijiet tiegħu;

(ċ) jikkollaboraw mal-ħaddiem soċjali assenjat lill-minuri;

(d) jirrapportaw lill-ħaddiem soċjali u lill-Bord ta' Reviżjoni dwar kull fatt li jista' jaffettwa l-pjan ta' ħarsien tal-minuri;

(e) jiffaċilitaw kuntatt bejn il-minuri u l-familja tiegħu skont il-pjan ta' ħarsien jew deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni;

(f) jipprovdu servizzi residenzjali skont l-i*standards*, il-kriterji u l-proċeduri stabbiliti mill-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali f'regolamenti għal dan il-għan;

(g) iżommu reġistru ta' minuri mqiegħda taħt il-ħarsien tagħhom, liema reġistru għandu jinkludi rapporti perjodiċi dwar l-iżvilupp tal-minuri;

(h) jipprovdu taħriġ tal-bidu u taħriġ kontinwu lill-impjegati u, jew fornituri ta' servizzi tagħhom;

(i) jinformaw lill-Aġenzija dwar kull talba li ssir direttament lilhom għat-tqegħid ta' minuri taħt il-ħarsien tagħhom; u

(j) jiżviluppaw, iżommu, jaġġornaw u jesegwixxu politika, proċeduri u linji gwida miktubin.

(2) L-Awtorità Ċentrali tista', b'avviż fil-Gazzetta, tagħmel regoli li jiddisponu dwar responsabbiltajiet oħra għal djar għal ħarsien residenzjali, li ma jkunux diġà previsti fis-subartikolu (1) jew f'dan l-Att jew xi liġi oħra li tkun, u bl-istess mod tista' tagħmel regoli li jispeċifikaw aħjar ir-responsabbiltajiet previsti fis-subartikolu (1), u għandha dejjem tagħmel dan fl-aħjar interessi tal-minuri.

Ftehim ta' tqegħid taħt ħarsien residenzjali.

62. (1) Tqegħid taħt ħarsien residenzjali għandu jsir biss wara ftehim magħmul bejn l-Aġenzija u l-kap tad-dar għall-ħarsien residenzjali.

(2) It-terminazzjoni ta' kull ftehim ta' tqegħid taħt ħarsien residenzjali tista' ssir biss wara l-approvazzjoni tal-Bord ta' Reviżjoni fuq talba ta' persuna interessata.

TITOLU VII

FUQ ID-DRITTIJIET TAL-MINURI F'ĦARSIEN ALTERNATTIV

Drittijiet tal-minuri f'ħarsien alternattiv.

63. (1) Minuri li dwaru japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandu jkun ikkurat, mantnut, mgħallem u edukat skont il-ħiliet, l-aspirazzjonijiet u x-xeħtiet naturali tiegħu.

(2) Il-minuri għandu wkoll f'kull żmien ikollu aċċess regolari għall-ħaddiem soċjali li jkun qed jieħu ħsieb it-tqegħid tiegħu f'ħarsien alternattiv.

(3) Bla ħsara għall-ġeneralità tad-drittijiet imsemmija fis-subartikolu (1) u (2), u ta' xi dritt ieħor tal-minuri, dak il-minuri għandu partikolarment ikollu d-drittijiet li ġejjin:

(a) li jkun ikkonsultat dwar kull deċiżjoni li tolqot lilu b'mod xieraq skont l-età u l-fehim tiegħu;

(b) li jkollu aċċess għal informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-membri tal-familja tiegħu fin-nuqqas ta' kuntatt magħhom;

(ċ) li jżomm relazzjoni u kuntatt dirett mal-ġenituri tiegħu, u ma' kull persuna oħra viċin tiegħu, ħlief jekk dan ma jkunx fl-aħjar interessi tal-minuri;

(d) li jirċievi nutrizzjoni skont l-i*standards* ta' nutrizzjoni rilevanti, kif ukoll skont it-twemmin reliġjuż tiegħu;

(e) li jirċievi kura medika u appoġġ psikoloġiku xieraq;

(f) li jkollu aċċess għall-edukazzjoni;

(g) li jkun maħsub għall-bżonnijiet speċifiċi tiegħu ta' sigurtà, saħħa, nutrizzjoni, żvilupp u xi bżonn ieħor;

(h) li jiddeċiedi liberament liema reliġjon isegwi u li jkollu l-bżonnijiet reliġjużi u spiritwali tiegħu sodisfatti skont hekk;

(i) li jkollu l-privatezza tiegħu rispettata;

(j) li jkollu relazzjoni pożittiva, sigura u mrawma mal-*carers* alternattivi tiegħu; u

(k) id-drittijiet kollha msemmija fil-Konvenzjoni tal-Ġnus

Magħquda għad-Drittijiet tat-Tfal.

(4) Minn żmien għal żmien, il-Ministru jista' jaġġorna d-drittijiet imsemmija f'dan l-artikolu b'regolamenti.

TAQSIMA III

FUQ L-APPELLI

TITOLU I

FUQ IL-BORD TAL-APPELL

Twaqqif tal-Bord tal-Appell.

64. (1) Għandu jkun hemm Bord tal-Appell magħmul minn tliet membri kif ġej:

(a) *Chairperson* li jkollu *warrant* biex jipprattika l-professjoni ta' avukat f'Malta għal mill-inqas ħames snin; u

(b) żewġ persuni li jkollhom mill-inqas ħames snin esperjenza professjonali fil-benesseri tal-minuri.

(2) Il-membri tal-Bord tal-Appell għandhom ikunu maħtura mill-Ministru għal perjodu ta' tliet (3) snin, u jistgħu jitneħħew mill-kariga mill-Ministru għal raġunijiet ta' inkapaċità biex jaqdu l-funzjonijiet tal-kariga tagħhom jew minħabba mġiba ħażina.

(3) Membru tal-Bord tal-Appell jista' jintalab li jiġi rikużat jew jista' jastjeni għal xi waħda mir-raġunijiet li għalihom imħallef jista' jintalab li jiġi rikużat jew jista' jastjeni skont l-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

(4) Meta membru tal-Bord tal-Appell jirrikuża jew jastjeni skont is-subartikolu preċedenti, il-Ministru għandu jaħtar persuna oħra sabiex tissostitwixxi lil dak il-membru għal dak l-appell li għalih irrikuża jew li għalih astjena.

(5) Persuna ma tikkwalifikax biex tinħatar jew tibqa' fil-kariga bħala membru tal-Bord tal-Appell jekk dik il-persuna tkun imħallef, maġistrat, membru tal-Kamra tad-Deputati jew ta' Kunsill Lokali, jew kandidat għall-elezzjoni għall-Kamra tad-Deputati jew għall-Kunsill Lokali.

Kompetenza u setgħat tal-Bord tal-Appell.

65. (1) Il-Bord tal-Appell ikun kompetenti li, wara talba permezz ta' rikors:

(a) jirrevedi deċiżjonijiet tal-Bord għall-*Fostering*;

(b) jirrevedi deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' *Standards* ta'

Ħarsien Soċjali li tiċħad, tirrevoka jew tissospendi reġistrazzjoni; u

(ċ) jirrevedi deċiżjonijiet tal-Awtorità Ċentrali rigward akkreditazzjoni, tiġdid tal-akkreditazzjoni, sospensjoni jew revoka ta' akkreditazzjoni.

(2) Il-Bord tal-Appell għandu jaqdi kull funzjoni oħra kif il-Ministru jista' jippreskrivi b'regolamenti li jsiru bis-saħħa ta' dan l-Att.

(3) Biex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu, il-Bord tal-Appell għandu jkollu aċċess għad-dokumentazzjoni kollha li għandha x'taqsam mal-proċedura ta' *foster care* u ħadd ma jista' jfixklu fil-qadi ta' dawn il-funzjonijiet.

Kap. 12.

(4) Il-Bord tal-Appell għandu jkollu dawk is-setgħat li bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma mogħtija lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu preċedenti, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, il-Bord tal-Appell jista' jsejjaħ lil kull persuna biex tixhed u tipproduċi d-dokumenti neċessarji u għal dak il-għan iċ-*Chairperson* għandu s-setgħa li jamministra l-ġurament.

(6) Il-Bord tal-Appell għandu jiddeċiedi l-appell fi żmien sitt ġimgħat mid-data tal-preżentata tar-rikors, sakemm fil-fehma taċ-*Chairperson* ma jkunx meħtieġ perjodu itwal għal raġuni valida li għandha tingħata u tiġi reġistrata fl-atti tal-każ.

(7) Deċiżjoni mogħtija mill-Bord għall-*Fostering,* mill-Awtorità Ċentrali jew mill-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali, skont il-każ, għandu jkollha effett immedjat kemm-il darba l-Bord tal-Appell ma jiddeċidix li jissospendiha sakemm tingħata d-deċiżjoni finali.

(8) Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, u r-raġunijiet għaliha, għandha tingħata bil-miktub u għandha tkun notifikata lill-appellanti, lill-Bord għall-*Fostering*, lill-Awtorità Ċentrali u lill-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali*,* skont il-każ, bil-posta reġistrata fi żmien ħamest ijiem utili mid-data li tittieħed dik id-deċiżjoni.

(9) F'każijiet li huma fil-kompetenza tal-Bord tal-Appell skont is-subartikolu (1) ikun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' liġi, permezz ta' rikors lill-Qorti tal-Appell ikkostitwita skont l-artikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(10) Ir-rikors imsemmi fis-subartikolu preċedenti għandu jiġi preżentat mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata utili mid-data tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell.

TITOLU II

FUQ IL-QORTI TAL-APPELL

Appelli minn deċiżjonijiet.

66. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kull parti fi proċedimenti taħt dan l-Att li tħoss ruħha aggravata minn deċiżjoni tista' tappella billi tippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Appell kostitwita skont l-artikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: Kap. 12.

Iżda għall-għanijiet ta' dan l-artikolu l-minuri għandu dejjem jitqies parti aggravata, kif jista' jiġi rappreżentat mill-Avukat tat-Tfal assenjat lilu:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi deċiżjoni partikolari ma ġiex eżawrit skont dan l-Att.

(2) L-appell għandu jinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell permezz ta' rikors li għandu jiġi ppreżentat fi żmien ħmistax-il ġurnata utili mid-data li fiha tkun ingħatat id-deċiżjoni.

(3) Il-parti appellata għandha tippreżenta r-risposta tal-appell fi żmien ħmistax-il ġurnata utili minn mindu tiġi notifikata bir-rikors tal-appell.

(4) Il-Qorti tal-Appell għandha tappunta r-rikors għas-smigħ tal-partijiet mhux aktar tard minn tletin jum mid-data tan-notifika tar-rikors lill-partijiet, u deċiżjoni finali għandha tingħata fi żmien sittin jum mid-data tal-ewwel smigħ.

(5) Il-Qorti tal-Appell tista' tikkonferma jew tirrevoka d-deċiżjoni tal-Qorti, u tista' timponi dawk il-miżuri l-oħra li jidhrilha xieraq u għandha, kif tagħti s-sentenza finali, tibgħat l-atti lura lill-Qorti biex tittratta l-każ skont l-artikoli 22, 23 jew 24, skont il-każ.

(6) Appell li jsir skont dan l-artikolu ma għandux iwaqqaf l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li tkun qed tiġi appellata.

(7) Ħlief fejn dan l-Att jipprovdi xort'oħra, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar il-Qorti tal-Appell u l-appelli quddiemha għandhom japplikaw *mutatis mutandis*: Kap. 12.

Iżda l-kawżi għandhom dejjem jinstemgħu bil-magħluq.

TAQSIMA IV

FUQ IX-XOGĦOL SOĊJALI MAL-MINURI

Ħaddiem soċjali ewlieni.

67. (1) Meta l-Qorti tagħmel xi ordni msemmija fl-artikoli 19 u 20 dwar minuri, hija għandha tinnotifika lid-Direttur (Protezzjoni Minuri) b'dik l-ordni u d-Direttur (Protezzjoni Minuri) għandu jaħtar ħaddiem soċjali ewlieni mill-aktar fis possibbli.

(2) Mingħajr preġudizzju għal xi responsabilitajiet oħra taħt dan l-Att, jew taħt xi liġi oħra, ir-responsabilitajiet ta' ħaddiem soċjali ewlieni għandhom jinkludu:

(a) li jżomm mal-minuri relazzjoni interpersonali;

(b) li jżur lill-minuri f'intervalli regolari;

(ċ) li jissorvelja t-tqegħid tal-minuri u jqis il-ġid tiegħu;

(d) li jikkordina u jsegwi l-progress tal-pjan ta' ħarsien;

(e) li jżomm reġistru dettaljat dwar kull minuri taħt il-ħarsien tiegħu;

(f) li jipparteċipa f'xi reviżjonijiet tal-każ tal-minuri u jirrapporta lill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-ġid tal-minuri;

(g) li jidher quddiem, u jirrapporta u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Bord ta' Reviżjoni fuq materji dwar il-minuri, inkluż il-possibilità ta' integrazzjoni mill-ġdid tal-minuri mal-familja jew, xort'oħra, fuq jekk il-forma ta' ħarsien alternattiv hijiex adatta għall-minuri u fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħarsien;

(h) li jirrapporta lid-Direttur (Protezzjoni Minuri), u lil kull awtorità kompetenti oħra, dwar każijiet ta' allegat abbuż u dwar kull inċident ieħor serju dwar il-ġid tal-minuri;

(i) li jqis is-sitwazzjoni, il-kapaċitajiet, id-diffikultajiet u karatteristiċi oħra tal-ġenituri bil-għan li joffrilhom assistenza sabiex ikunu jistgħu jaqdu d-doveri u obbligi tagħhom ta' ġenituri, u dan bl-aħjar mod li jkunu jistgħu u dejjem fl-aħjar interessi tal-minuri; u

(j) li jwettaq il-kundizzjonijiet tal-pjan ta' ħarsien dwar il-provvista ta' servizzi ta' appoġġ lill-minuri, u kull servizz ieħor kif miġjub fil-pjan ta' ħarsien.

Tqegħid volontarju.

68. (1) Meta l-ġenituri ta' xi minuri, minħabba raġuni valida, jipproponu li jagħmlu arranġamenti biex iqiegħdu lill-minuri taħt il-kura u l-kustodja ta' xi persuna jew entità oħra, dik il-persuna jew entità oħra għandha tagħti avviż dwar din il-proposta lid-Direttur (Ħarsien Alternattiv).

(2) Meta jkun informat skont is-subartikolu (1), id-Direttur (Ħarsien Alternattiv) għandu jaħtar ħaddiem soċjali biex iżur u jeżamina l-post li fih il-minuri jkun propost li jiġi miżmum, u biex jirrakkomanda jekk il-persuna jew entità proposta li tirċievi dak il-minuri hijiex adegwata biex ikollha l-kura u kustodja tiegħu.

(3) Il-ħaddiem soċjali maħtur skont is-subartikolu (2) għandu, dwar il-minuri, ikun suġġett għall-istess responsabilitajiet kif disposti fl-artikolu 67(2).

(4) Għall-għanijiet tas-subartikolu (2), il-ħaddiem soċjali għandu jħejji rapport u għandu mbagħad jinnotifikah, flimkien mal-arranġamenti proposti, lill-Bord ta' Reviżjoni.

(5) Meta l-Bord ta' Reviżjoni jkun sodisfatt li l-persuna jew l-entità li tkun sejra tiġi fdata lilha l-kura u kustodja tal-minuri hija adegwata biex ikollha l-kura tiegħu u l-post li fih dak il-minuri ikun ser jiġi miżmum hu xieraq għall-bżonnijiet tiegħu, il-bord għandu jordna lill-ħaddiem soċjali jipprepara pjan ta' ħarsien u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13(1), (2) u (3) għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

(6) Il-pjan ta' ħarsien għandu, f'kull każ, ikun preparat bil-parteċipazzjoni tal-minuri, jekk meqjus li jkollu fehim biżżejjed, u bil-parteċipazzjoni ta' kull persuna jew entità oħra li d-Direttur (Protezzjoni Minuri) jista' jqis li jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

(7) Il-Bord ta' Reviżjoni għandu jisma' f'intervalli regolari lill-professjonisti kollha involuti fil-każ, lill-minuri jekk meqjus li jkollu fehim biżżejjed, lill-ġenituri ta' dak il-minuri, lill-persuna jew entità li tkun irċiviet lill-minuri taħt il-kura tagħha, u lil kull persuna oħra li jista' jqis li jkun xieraq li jisma' skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

(8) Bla ħsara għas-subartikolu (7), il-Bord ta' Reviżjoni għandu jirrevedi l-pjan ta' ħarsien imsemmi f'dan l-artikolu tal-anqas darba kull sitt xhur.

(9) Meta l-ġenituri ma jibqgħux tal-fehma li l-ftehim għandu jibqa' fis-seħħ huma jistgħu jressqu rikors quddiem il-Bord ta' Reviżjoni u jitolbu r-rexissjoni tal-ftehim, u f'dan il-każ il-bord għandu jagħti kull direzzjoni jew ordni li jidhirlu xieraq:

Iżda sakemm il-Bord ta' Reviżjoni jagħti d-deċiżjoni finali, il-

kura u l-kustodja tal-minuri għandha tibqa' f'idejn dik il-persuna jew entità li lilha tkun ġiet fdata.

TAQSIMA V

MIXXELLANJI

Passaport tal-minuri.

69. Kif minuri jitneħħa mill-kura u l-kustodja ta' persuna u l-każ jiġi assenjat lill-ħaddiem soċjali ewlieni, il-ħaddiem soċjali ewlieni għandu minnufih jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex jinħareġ passaport għal dak il-minuri u dak il-passaport għandu jinżamm mid-Direttur (Ħarsien Alternattiv);

Iżda fiċ-ċirkostanzi fejn ma jistax jinħareġ passaport, il-ħaddiem soċjali ewlieni għandu jagħmel dak neċessarju sabiex jinħareġ dokument validu għall-ivvjaġġar tal-minuri.

Kopja tad-deċiżjonijiet.

70. Kull meta tittieħed deċiżjoni skont dan l-Att u fuq rikors, talba jew rikjesta ta' kull parti li tkun, kopja ta' dik id-deċiżjoni bir-raġunijiet għaliha għandha tingħata lil tali parti, bla ħsara għall-għoti tal-istess kopji lil persuni oħra kif permissibbli skont il-liġi.

Edukazzjoni u kunsens.

71. Minkejja kull ħaġa oħra disposta f'dan l-Att jew xi liġi oħra, għal affarijiet relatati mal-edukazzjoni ta' minuri soġġett għal xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, il-kunsens ta' persuna waħda li jkollha l-kura u l-kustodja ta' dak il-minuri skont il-liġi għandha tkun biżżejjed għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Xhieda minn ħaddiem soċjali.

72. Kull ħaddiem soċjali li jkun se jagħti x-xhieda tiegħu f'xi proċedimenti taħt dan l-Att għandu l-ewwel jiġi eżentat mill-obbligu tas-segretezza professjonali u għal dak il-għan, sakemm mhux diġà mogħti s-setgħa bil-liġi, il-membru li jippresjedi l-korp li quddiemu tkun se tingħata dik ix-xhieda jkun jista' jeżenta lil dak il-ħaddiem soċjali skont dan l-artikolu.

Konsultazzjonijiet dwar minuri mhux akkumpanjati.

73. (1) Kull bord imsejjaħ b'dan l-Att sabiex jikkunsidra l-każ ta' minuri mhux akkumpanjat għandu jikkonsulta ma' esperti li jiġu indikati mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għal ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil imwaqqfa skont ir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar l-Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil u mill-Kummissarju għat-Tfal.

(2) Kull konsultazzjoni ma' esperti kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tiġi mniżżla bil-miktub fid-deċiżjoni tal-bord.

TAQSIMA VI

FUQ IR-REATI

Arranġamenti għall-*foster care*.

74. (1) Kull persuna mhux awtorizzata jew kull organizzazzjoni mhux awtorizzata li tagħmel arranġamenti għat-tqegħid ta' minuri taħt *foster care*, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux aktar minn tliet snin jew multa ta' mhux inqas minn elfejn euro (€2,000) iżda mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Għall-għanijiet tas-subartikolu (1), persuna jew organizzazzjoni tkun meqjusa li għamlet arranġamenti għat-tqegħid ta' minuri taħt *foster care* jekk tidħol f'xi ftehim jew tagħmel arranġamenti biex tiffaċilita l-*fostering* ta' minuri.

Għoti mhux awtorizzat ta' ħarsien residenzjali.

75. Kull persuna jew organizzazzjoni li twaqqaf, topera jew iżżomm xi dar għall-ħarsien residenzjali, jew tipprovdi, direttament jew indirettament, ħarsien residenzjali mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux aktar minn erba' snin jew multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) iżda mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Projbizzjoni ta' ħlas.

76. (1) Kull persuna li tagħmel jew tagħti, jew li tiftiehem jew toffri li tagħmel jew tagħti, jew li tirċievi jew tiftiehem li tirċievi, jew li tipprova tikseb xi ħlas jew kumpens ieħor minħabba xi arranġamenti għal tqegħid ta' minuri taħt *foster care*, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux aktar minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn elf u mitejn euro (€1,200) iżda mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u dan mingħajr preġudizzju għal kull ordni li l-Qorti tqis xieraq li timponi biex tipproteġi lill-minuri li fir-rigward tiegħu jkun sar ir-reat.

(2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, l-arranġament għat-tqegħid ta' minuri taħt *foster care* m'għandux jinkludi ħlasijiet li jsiru għall-manteniment tal-minuri jew rimunerazzjoni lill-professjonisti għal servizzi li jkunu provdew, liema professjonisti jkunu involuti fil-ħarsien tal-minuri fi ħdan l-Aġenzija jew fi professjonijiet oħra u li jaġixxu skont il-professjoni tagħhom.

Projbizzjoni ta' pubblikazzjoni.

77. (1) Mingħajr preġudizzju għal regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, ħadd ma jista' jippubblika jew iġiegħel li jiġi ppubblikat f'xi gazzetta, perjodiku jew materja stampata oħra jew permezz tax-xandir, televiżjoni, wirja pubblika jew permezz ta' xi mezz ieħor, xi reklam, aħbar jew materja oħra li tindika:

(a) li minuri jista' jitqiegħed taħt ħarsien alternattiv;

(b) li persuna tkun biħsiebha tieħu ħsieb minuri taħt ħarsien alternattiv;

(ċ) li persuna tkun biħsiebha tagħmel arranġamenti għat-tqegħid ta' minuri taħt ħarsien alternattiv;

(d) l-isem ta' *carer* alternattiv jekk b'hekk jiġi żvelat xi dettall dwar il-minuri;

(e) l-isem ta' minuri li jkun tqiegħed jew li jkun se jitqiegħed taħt ħarsien alternattiv;

(f) l-isem ta' ġenitur, kuratur jew tutur ta' minuri li jkun tqiegħed jew li jkun ser jitqiegħed taħt ħarsien alternattiv; jew

(g) kull ħaġa li tista' twassal biex xi waħda mill-persuni msemmija tkun identifikata:

Iżda dan l-artikolu ma għandux japplika għal *foster carers* li jippreżentaw ruħhom bħala tali u meta ebda minuri ma jkun identifikat minnhom, kemm direttament u kemm indirettament.

(2) Kull persuna li taġixxi bi ksur ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn elf u mitejn euro (€1,200) iżda mhux iżjed minn elfejn u ħamest mitt euro (€2,500), jew dik il-multa u priġunerija flimkien, mingħajr preġudizzju għal kull ordni għal ħlas ta' danni li jitqiesu xierqa fiċ-ċirkostanzi.

Użu ta' forza.

78. Persuna tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn elf u mitejn euro (€1,200) iżda mhux iżjed minn elfejn u ħamest mitt euro (€2,500), jew dik il-multa u priġunerija flimkien, jekk dik il-persuna:

(a) thedded jew iġġiegħel xi *carer* alternattiv awtorizzat jew approvat jirrinunzja għal minuri mqiegħed fil-kura tiegħu;

(b) tieħu minuri kontra r-rieda tiegħu mingħand xi *carer* alternattiv awtorizzat jew approvat, mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Bord għall-*Fostering*, jew tal-Qorti, jew tal-Aġenzija jew ta' xi awtorità jew entità rilevanti oħra, skont il-każ;

(ċ) thedded jew iġġiegħel xi *carer* alternattiv awtorizzat jew approvat biex jirrinunzja għal xi ordni maħruġa minn xi qorti

jew maħruġa bis-saħħa ta' dan l-Att;

(d) thedded jew iġġiegħel xi *carer* alternattiv awtorizzat jew approvat biex jaġixxi bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(e) thedded jew tikkaġuna xi ħsara lil xi *carer* alternattiv awtorizzat jew approvat; jew

(f) tidħol bi vjolenza jew kontra r-rieda espressa tal-*carer* alternattiv fil-post ta' xi *carer* alternattiv awtorizzat jew approvat.

Tfixkil.

79. Kull persuna li b'xi mod tfixkel jew tostakola xi bord, awtorità, aġenzija, entità direttur jew uffiċjal ieħor msemmi, imwaqqaf, akkreditat jew liċenzjat taħt dan l-Att, fil-qadi ta' xi waħda mill-funzjonijiet tagħhom, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) iżda mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Tfixkil ieħor fit-twettiq ta' dan l-Att.

80. (1) Sa fejn fiċ-ċirkostanzi ta' każ partikolari ma jkunx dispost reat ieħor taħt dan l-Att jew b'liġi oħra, liema reat iġorr piena aktar severa minn dik provduta f'dan l-artikolu, kull min jaġixxi b'mod aggressiv fil-konfront ta' ħaddiem soċjali, *foster carer* jew ta' kull persuna oħra li tkun b'xi mod involuta f'xi deċiżjoni, responsabbiltà jew miżura skont dan l-Att, liema involviment jinkludi l-eżerċizzju tad-drittijiet jew il-qadi tar-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet mogħtija lilha skont dan l-Att jew mogħtija minn xi liġi oħra għat-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tkun ħatja ta' reat:

Iżda f'każ li fih reat ieħor iġorr piena anqas severa minn dik provduta f'dan l-artikolu, u ċ-ċirkostanzi ta' dak ir-reat ikun ukoll bi ksur ta' dan l-artikolu, għandhom japplikaw il-pieni provduti f'dan l-artikolu.

(2) Kull persuna misjuba ħatja ta' reat skont is-subartikolu (1) teħel il-piena ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sentejn jew multa ta' mhux aktar minn għaxart elef euro (€10,000), jew dik il-piena ta' priġunerija u multa flimkien.

Ħarba.

81. (1) Jekk xi minuri li dwaru tkun saret xi ordni għall-protezzjoni jaħrab mill-post fejn hu għandu jgħix jew ikun nieqes minn dak il-post f'ħin li fih ma jkollux permess li jkun hekk nieqes, dan jista' jiġi maqbud mingħajr mandat minn xi membru tal-Pulizija u jittieħed lura f'dak il-post.

(2) Kull persuna li xjentement iġġiegħel, tħajjar jew tagħti għajnuna jew b'xi mod ieħor tgħin jew tassisti lil xi minuri biex jaħrab jew biex ikun jew jibqa' nieqes kif imsemmi fis-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat

u teħel, meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) iżda mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Reati oħrajn.

82. Meta persuna tinstab ħatja ta' xi reat taħt dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu, u ma jkun hemm previst ebda piena speċifika għal dak ir-reat taħt dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu, dik il-persuna teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn mitejn u ħamsin euro (€250) iżda mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500).

TAQSIMA VII

FUQ IR-REGOLAMENTI

Regolamenti.

83. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jitwettqu aħjar l-għanijiet ta' dan l-Att.

(2) B'mod partikolari iżda bla ħsara għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), dawk ir-regolamenti jistgħu jipprovdu dwar:

(a) il-ħarsien, superviżjoni u kontroll ta' minuri imqegħdin taħt ħarsien alternattiv;

(b) ir-reġistrazzjoni, monitoraġġ u kontroll ta' servizzi ta' ħarsien alternattiv u għar-rifjut jew revoka ta' dik ir-reġistrazzjoni;

(ċ) il-ftehim għat-tqegħid ta' minuri f'ħarsien alternattiv;

(d) kull dritt u obbligu li għandhom *carers* alternattivi;

(e) id-drittijiet tal-minuri;

(f) is-servizzi li djar għall-ħarsien residenzjali għandhom jipprovdu;

(g) il-forom differenti ta' ħarsien alternattiv;

(h) reati u pieni għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u regolamenti magħmulin taħtu;

(i) il-proċedura li għandha tkun segwita mill-bordijiet imwaqqfin taħt dan l-Att u biex jistabbilixxi r-regoli dwar is-setgħat tagħhom;

(j) l-operat tal-entitajiet stabbiliti f'dan l-Att; u

(k) kull ħaġa inċidentali u supplimentari, li l-Ministru jqis

spedjenti li jipprovdi dwarha, għall-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

TAQSIMA VIII

DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI

Investigazzjonijiet pendenti.

84. (1) Jekk, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att ikun sar xi rapport dwar minuri, li kien jeħtieġ xi investigazzjoni, dik l-investigazzjoni għandha tingħalaq mid-Direttur (Protezzjoni Minuri)fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

(2) L-imsemmi żmien jista', jiġi estiż mid-Direttur (Protezzjoni Minuri) għal terminu addizzjonali ta' tliet xhur.

Dispożizzjonijiet applikabbli.

85. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kull kawża preżentata qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandha tkun deċiża skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi kif fis-seħħ dakinhar tal-preżentata.

Appelli. Kap. 285.

86. Kull talba għal reviżjoni magħmula quddiem il-Qorti skont l-artikolu 4(5) tal-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien) qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandha tkompli tinstema' mill-imsemmija Qorti sakemm tiġi hekk determinata:

Iżda f'każ ta' appell li jsir taħt l-artikolu 66, minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Minorenni magħmula taħt l-artikolu 4(5) tal-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien), tkun il-Qorti tal-Appell li tisma' l-każ, iżda mhux qabel erba' xhur mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Minorenni. Kap. 285.

Reviżjonijiet pendenti quddiem il-Bord Konsultattiv dwar it-Tfal u Żgħażagħ. Kap. 285.

87. Il-każijiet kollha pendenti quddiem il-Bord Konsultattiv dwar it-Tfal u Żgħażagħ taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien) mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom ikomplu jinstemgħu quddiem il-Bord ta' Reviżjoni wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

Tħassir ta' leġiżlazzjoni. Kap. 285. Kap. 491. Kap. 569. L.S. 16.01.

88. L-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien), l-Att dwar il-*Foster Care*, l-Att dwar il-Protezzjoni tat-Tfal (Ħarsien Alternattiv) u r-Regolamenti dwar l-Allokazzjoni tal-Minuri huma b'dan imħassra mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew naqas milli jsir taħthom.

A 1170

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 248 tal-10 ta' Lulju, 2019.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati